Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 238

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

9 ta' Awwissu 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 865/2014 tat-8 ta' Awwissu 2014 li jikkoreġi l-verżjoni bl-Ispanjol tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel** ([1]) 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 866/2014 tat-8 ta' Awwissu 2014 li jemenda l-Annessi III, V u VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kosmetiċi** ([1]) 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2014 tat-8 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 8

DEĊIŻJONIJIET

2014/524/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2013 dwar il-miżura/l-iskema ta' għajnuna/l-għajnuna mill-istat SA.34369 (13/C) (ex 12/N) — Il-kostruzzjoni u l-operat ta' terminals pubbliċi għat-trasport intermodali, li r-Repubblika Slovakka qiegħda tippjana li timplimenta** *(notifikata bid-dokument C(2013) 4423)* ([1]) 11

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 865/2014

tat-8 ta' Awwissu 2014

li jikkoreġi l-verżjoni bl-Ispanjol tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) (a), (c), (d), (e), (f), (h), (i) u (j) tiegħu,

Billi:

(1) Hemm żball fil-verżjoni bl-Ispanjali tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel ([2]). Għalhekk hija meħtieġa korrezzjoni tal-verżjoni Spanjola. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 10/2011 għandu jiġi kkoreġut skont dan.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan l-Artikolu jikkonċerna biss il-verżjoni Spanjola.

([1]) ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.
([2]) ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2011.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 866/2014

tat-8 ta' Awwissu 2014

li jemenda l-Annessi III, V u VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kosmetiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kosmetiċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanzi identifikati bid-denominazzjonijiet bromur u klorur tal-alkil (C_{12-22}) trimetil ammonju huma rregolati bħala preservattivi taħt l-annotazzjoni 44 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 b'konċentrazzjoni massima ta' 0,1 %.

(2) Il-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti tal-Konsumatur ("SCCP"), li sussegwentement ġie sostitwit bil-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur ("SCCS") skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/721/KE ([2]), evalwa s-sikurezza ta' klorur tal-alkil (C_{16}, C_{18}, C_{22}) trimetilammonju (cetrimonium chloride, steartrimonium chloride u behentrimonium chloride) għal użi oħra minbarra bħala preservattivi fl-2005, l-2007 u l-2009.

(3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur ikkonkluda fl-opinjoni tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2009 ([3]) li, apparti l-fatt li l-formoli derivattivi tal-ammonju kwaternarju għandhom il-potenzjal li jkunu irritanti tal-ġilda, speċjalment meta jintużaw taħlitiet tal-komposti kkonċernati, l-użu ta' cetrimonium chloride, steartrimonium chloride u behentrimonium chloride ma joħloqx riskju għas-saħħa tal-konsumatur f'konċentrazzjonijiet li huma inqas minn ċerti limiti, li huma stabbiliti b'mod espliċitu fl-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur.

(4) Sabiex jitqis il-potenzjal ta' irritazzjoni tal-ġilda tat-taħlitiet tad-derivattivi tal-ammonju kwaternarju msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li, filwaqt li tippermetti l-użu ta' dawn is-sustanzi għal użi oħra minbarra bħala preservattivi b'konċentrazzjonijiet ogħla, il-somom ta' dawn is-sustanzi għandhom jiġu limitati għall-konċentrazzjoni massima indikata mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur għal sustanzi individwali.

(5) Il-konċentrazzjonijiet massimi indikati mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur bħala sikuri firrigward ta' prodotti tal-krema tal-wiċċ li ma jitlaħalħux, għandhom japplikaw għall-prodotti kollha li ma jitlaħalħux peress li ma hemm l-ebda raġuni li tiġi limitata biss l-awtorizzazzjoni ta' dawk is-sustanzi għall-kremi tal-wiċċ li ma jitlaħalħux.

(6) Għalhekk, għandhom jiżdiedu annotazzjonijiet ġodda fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 biex jirriflettu l-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, u l-annotazzjoni 44 fl-Anness V għandha tagħmel referenza inkroċjata għall-annotazzjonijiet il-ġodda fl-Anness III, sabiex dawk l-Annessi jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku.

(7) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur evalwa s-sikurezza tat-taħlita citric acid (u) silver citrate. Fl-opinjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2009 ([4]), iddikjara li, abbażi tad-dejta ppreżentata, l-użu ta' dik it-taħlita bħala preservattiv fi prodotti kosmetiċi, b'konċentrazzjoni sa 0,2 % (li tikkorrispondi għal konċentrazzjoni tal-fidda ta' 0,0024 %), ma toħloqx riskju għas-saħħa tal-konsumatur. Il-Kumitat speċifika li s-sustanza ma kinitx ta' periklu meta tintuża bl-istess konċentrazzjoni massima f'deodoranti u antiperspiranti bħala preservattiv u/jew sustanza attiva. Madankollu, l-użu tagħha fi prodotti orali u tal-għajnejn kien eskluż b'mod espliċitu peress li kien ivvalutat biss l-esponiment tal-ġilda.

(8) Għandha tiżdied annotazzjoni ġdida fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 biex tirrifletti l-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq u biex tkun addattata għall-progress tekniku u xjentifiku.

([1]) ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.
([2]) ĠU L 241, 10.9.2008, p. 21.
([3]) SCCS/1246/09, http://ec.europa.eu/health/scientific_committees/consumer_safety/docs/sccs_o_012.pdf.
([4]) SCCS/1274/09, http://ec.europa.eu/health/scientific_committees/consumer_safety/docs/sccs_o_004.pdf.

(9) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur ivvaluta s-sustanza tris-biphenyl triazine, li hija filtru UV u nanomaterjal. Fl-opinjoni tiegħu tal-20 ta' Settembru 2011 ([1]), ikkonkluda li l-esponiment tal-ġilda għall-formoli li jinkludu tris-biphenyl triazine b'daqs medju tal-partiċella (daqs medju tal-partiċella primarja) ta' 81 nm jirriżulta f'assorbiment baxx ta' dik is-sustanza. Anke wara l-esponiment orali, l-assorbiment ta' tris-biphenyl triazine huwa baxx. Ma ġew osservati l-ebda effetti sistematiċi wara l-esponiment orali jew tal-ġilda sa 500 mg/kg bw/kull ġurnata. Id-dejta analizzata mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur twassal għall-konklużjoni li l-użu ta' 10 % ta' tris-biphenyl triazine, inkluża bħala nanomaterjal, bħala filtru UV fil-prodotti kosmetiċi jista' jitqies bħala sikur għall-applikazzjoni tal-ġilda.

(10) Madankollu, il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur ikkjarifika li, waqt il-valutazzjoni tar-riskju, kien hemm wisq inċertezza biex jikkonkludi dwar l-użu sikur ta' 10 % ta' tris-biphenyl triazine f'applikazzjonijiet tal-isprej, minħabba tħassib dwar l-esponiment possibbli ta' inalazzjoni. Għaldaqstant, il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur ikkonkluda li l-prodotti tal-isprej li jinkludu tris-biphenyl triazine ma jistgħux jiġu rrakkomandati sakemm tiġi pprovduta informazzjoni addizjonali dwar is-sikurezza wara inalazzjoni ripetuta.

(11) Fid-dawl tal-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur u filwaqt li jitqis li l-użu ta' nanomaterjali jista' jtejjeb l-effiċjenza tal-filtru UV, l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 għandu jiġi emendat sabiex jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kosmetiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi III, V u VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) SCCS/1429/11, Revision of 13/14 December 2011, http://ec.europa.eu/health/scientific_committees/consumer_safety/docs/sccs_o_070.pdf.

ANNESS

L-Annessi III, V u VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness III, jiżdiedu l-annotazzjonijiet 265 u 266 li ġejjin:

	Identifikazzjoni tas-Sustanza				Kundizzjonijiet			
Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN	Isem tal-Glossarju ta' Ingredjenti Komuni	Numru CAS	Numru EC	Tip ta' prodott, Partijiet tal-ġisem	Konċentrazzjoni massima fi preparazzjoni lesta għall-użu	Oħrajn	Liema kliem għandu jintuża fil-kundizzjonijiet tal-użu u t-twissijiet
a	b	c	d	e	f	g	h	i
"265	klorur tal-alkil C_{16} trimetilammonju C_{18}-alkitrimetilammonju tal-klorur	Cetrimonium chloride (1) Steartrimonium chloride (1)	112-02-7 112-03-8	203-928-6 203-929-1	(a) Prodotti tax-xagħar li jitlaħalhu (b) Prodotti tax-xagħar li ma jitlaħalhux (c) Prodotti tal-wiċċ li ma jitlaħalhux	(a) 2,5 % għall-konċentrazzjonijiet individwali jew is-somma tal-konċentrazzjonijiet individwali ta' cetrimonium chloride u steartrimonium chloride (b) 1,0 % għall-konċentrazzjonijiet individwali jew is-somma tal-konċentrazzjonijiet individwali ta' cetrimonium chloride u steartrimonium chloride (c) 0,5 % għall-konċentrazzjonijiet individwali jew is-somma tal-konċentrazzjonijeit individwali ta' cetrimonium chloride u steartrimonium chloride	Għal finijiet għajr dawk li jfixklu l-iżvilupp tal-mikroorganiżmi fil-prodott. Il-fini jrid ikun ovvju mill-preżentazzjoni tal-prodott.	
266	C_{22}-alkitrimetilammonju tal-klorur	Behentrimonium chloride (1)	17301-53-0	241-327-0	(a) Prodotti tax-xagħar li jitlaħalhu (b) Prodotti tax-xagħar li ma jitlaħalhux	(a) 5,0 % għall-konċentrazzjoni individwali ta' behentrimonium chloride jew is-somma tal-konċentrazzjonijiet individwali ta' cetrimonium chloride, steartrimonium chloride u behentrimonium chloride, filwaqt li fl-istess ħin tiġi rrispettata l-konċentrazzjoni massima rilevanti għas-somma ta' cetrimonium chloride u steartrimonium chloride stabbilita fl-annotazzjoni 265. (b) 3,0 % għall-konċentrazzjoni individwali ta' behentrimonium chloride jew is-somma tal-konċentrazzjonijiet individwali ta' cetrimonium chloride, steartrimonium chloride u behentrimonium chloride, filwaqt li fl-istess ħin tiġi rrispettata l-konċentrazzjoni massima rilevanti għas-somma ta' cetrimonium chloride u steartrimonium chloride stabbilita fl-annotazzjoni *x*.	Għal finijiet għajr dawk li jfixklu l-iżvilupp tal-mikroorganiżmi fil-prodott. Il-fini jrid ikun ovvju mill-preżentazzjoni tal-prodott.	

	Identifikazzjoni tas-Sustanza				Kundizzjonijiet			
Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN	Isem tal-Glossarju ta' Ingredjenti Komuni	Numru CAS	Numru EC	Tip ta' prodott, Partijiet tal-ġisem	Konċentrazzjoni massima fi preparazzjoni lesta għall-użu	Oħrajn	Liema kliem għandu jintuża fil-kundizzjonijiet tal-użu u t-twissijiet
a	b	c	d	e	f	g	h	i
					(c) Prodotti tal-wiċċ li ma jitlaħalħux	(c) 3,0 % għall-konċentrazzjoni individwali ta' behentrimonium chloride jew is-somma tal-konċentrazzjonijiet individwali ta' cetrimonium chloride, steartrimonium chloride u behentrimonium chloride, filwaqt li fl-istess ħin tiġi rrispettata l-konċentrazzjoni massima rilevanti għas-somma ta' cetrimonium chloride u steartrimonium chloride stabbilita fl-annotazzjoni 265.		

([1]) Sabiex jintuża bħala preservattiv, ara l-Anness V, l-annotazzjoni Nru 44."

(2) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) l-annotazzjoni 44 tinbidel b'dan li ġej:

	Identifikazzjoni tas-Sustanza				Kundizzjonijiet			
Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN	Isem tal-Glossarju ta' Ingredjenti Komuni	Numru CAS	Numru EC	Tip ta' prodott, Partijiet tal-ġisem	Konċentrazzjoni massima fi preparazzjoni lesta għall-użu	Oħrajn	Liema kliem għandu jintuża fil-kundizzjonijiet tal-użu u t-twissijiet
a	b	c	d	e	f	g	h	i
"44	Bromur u klorur tal-alkil (C_{12-22}) trimetilammonju	Behentrimonium chloride ([1]), cetrimonium bromide, cetrimonium chloride ([2]), laurtrimonium bromide, laurtrimonium chloride, steartrimonium bromide, steartrimonium chloride ([1])	17301-53-0, 57-09-0, 112-02-7, 1119-94-4, 112-00-5, 1120-02-1, 112-03-8	241-327-0, 200-311-3, 203-928-6, 214-290-3, 203-927-0, 214-294-5, 203-929-1		0,1 %		

([1]) Għal użu ieħor għajr bħala preservattiv, ara l-Anness III, Nru 266.
([2]) Għal użu ieħor għajr bħala preservattiv, ara l-Anness III, Nru 265".

(b) tiżdied l-annotazzjoni 59:

	Identifikazzjoni tas-Sustanza				Kundizzjonijiet			
Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN	Isem tal-Glossarju ta' Ingredjenti Komuni	Numru CAS	Numru EC	Tip ta' prodott, Partijiet tal-ġisem	Konċentrazzjoni massima fi preparazzjoni lesta għall-użu	Oħrajn	Liema kliem għandu jintuża fil-kundizzjonijiet tal-użu u t-twissijiet
a	b	c	d	e	f	g	h	i
"59	Aċidu 1,2,3-propantrikarbossiliku, 2-idrossi-, monoidrat u 1,2,3-Aċidu propanetrikarbossiliku, 2-idrossi-, fidda(1+) melħ, monoidrat	Citric acid (u) Silver citrate	—	460-890-5		0,2 % li jikkorrispondi għal 0,0024 % ta' silver	Ma għandux jintuża fi prodotti orali u tal-għajnejn"	

(3) Fl-Anness VI tiżdied l-annotazzjoni 29:

	Identifikazzjoni tas-Sustanza				Kundizzjonijiet			
Numru ta' referenza	Isem kimiku/INN	Isem tal-Glossarju ta' Ingredjenti Komuni	Numru CAS	Numru EC	Tip ta' prodott, Partijiet tal-ġisem	Konċentrazzjoni massima fi preparazzjoni lesta għall-użu	Oħrajn	Liema kliem għandu jintuża fil-kundizzjonijiet tal-użu u t-twissijiet
a	b	c	d	e	f	g	h	i
"29	1,3,5-Triażina, 2,4,6-tris [1,1′-bifenil]-4-il-, inkluża bħala nanomaterjal	Tris-biphenyl triazine Tris-biphenyl triazine (nano)	31274-51-8	—		10 %	Ma għandux jintuża fl-isprejs. Huma permessi biss in-nanomaterjali li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin: — daqs medju tal-partiċella primarja > 80 nm; — Purità ≥ 98 %; — Mhux miksija"	

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 867/2014

tat-8 ta' Awwissu 2014

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 KG)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur standard tal-importazzjoni
0707 00 05	TR	81,4
	ZZ	81,4
0709 93 10	TR	88,2
	ZZ	88,2
0805 50 10	AR	143,2
	CL	76,2
	TR	160,1
	UY	136,4
	ZA	143,2
	ZZ	131,8
0806 10 10	BR	180,1
	CL	187,7
	EG	177,2
	MA	171,9
	MX	247,7
	TR	156,1
	ZZ	186,8
0808 10 80	AR	144,3
	BR	123,7
	CL	100,6
	CN	121,3
	NZ	126,3
	US	142,8
	ZA	113,5
	ZZ	124,6
0808 30 90	AR	211,9
	CL	71,9
	TR	154,0
	ZA	91,2
	ZZ	132,3
0809 29 00	CA	324,1
	CH	388,4
	TR	384,5
	US	759,4
	ZZ	464,1

(EUR/100 KG)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ([1])	Valur standard tal-importazzjoni
0809 30	MK	64,5
	TR	138,7
	ZZ	101,6
0809 40 05	BA	47,2
	MK	78,6
	TR	127,6
	ZA	206,8
	ZZ	115,1

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 2013

dwar il-miżura/l-iskema ta' għajnuna/l-għajnuna mill-istat SA.34369 (13/C) (ex 12/N) — Il-kostruzzjoni u l-operat ta' terminals pubbliċi għat-trasport intermodali, li r-Repubblika Slovakka qiegħda tippjana li timplimenta

(notifikata bid-dokument C(2013) 4423)

(It-test Slovakk biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/524/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq ([1]), u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' e-mail datata s-6 ta' April 2011, il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand METRANS/Danubia/, a.s. ("Metrans") dwar l-allegata għajnuna mill-Istat li ngħatat għall-kostruzzjoni ta' terminals pubbliċi għat-trasferiment intermodali ("l-ilment"). Il-Kummissjoni rċeviet aktar informazzjoni mingħand Metrans permezz ta' e-mail datata d-9 ta' Ġunju 2011. L-ilment ġie rreġistrat bħala l-każ SA.32828.

(2) Permezz ta' ittra datata s-6 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni bagħtet l-ilment lis-Slovakkja b'talba għall-informazzjoni, li s-Slovakkja wieġbet għaliha permezz ta' ittra datata s-6 ta' Diċembru 2011, fejn qalet li l-miżura inkwistjoni kienet għadha fil-fażi preparatorja u li kien għadu ma ngħata ebda finanzjament. Il-Kummissjoni għarrfet lil Metrans b'din it-tweġiba permezz ta' ittra datata t-12 ta' Diċembru 2011, li fiha hija ddikjarat is-sejba preliminari tagħha li l-miżura ma kienet tikkostitwixxi ebda għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u sussegwentement għalqet il-każ SA.32828.

(3) Fis-16 ta' Frar 2012, is-Slovakkja nnotifikat minn qabel b'mod elettroniku miżura għall-kostruzzjoni u l-operat ippjanati ta' terminals pubbliċi għat-trasport intermodali. Permezz ta' e-mails datati l-5 ta' Ġunju, it-12 ta' Ġunju, it-12 ta' Lulju u s-16 ta' Lulju 2012, is-Slovakkja pprovdiet aktar informazzjoni dwar din il-miżura, inklużi ittri ta' appoġġ mill-impriżi tat-trasport u l-loġistika DHL u GEFCO.

([1]) ĠU C 45, 16.2.2013, p. 13.

(4) Permezz ta' e-mail datata t-12 ta' Lulju 2012, Metrans bagħat ittra ta' appoġġ lill-Kummissjoni minn Green Integrated Logistics (is-Slovakkja) s.r.o. ("GIL"), li topera t-terminal tat-trasferiment fi Sládkovičovo. Il-Kummissjoni bagħtet din l-ittra lis-Slovakkja permezz ta' ittra datata t-18 ta' Lulju 2012, li għaliha sussegwentement irċeviet tweġiba permezz ta' e-mail datata l-14 ta' Awwissu 2012, fejn tenniet li kien għadu ma ngħata ebda finanzjament għall-proġett.

(5) Fis-17 ta' Lulju 2012, is-Slovakkja nnotifikat il-miżura b'mod elettroniku lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Bħala parti minn dik in-notifika, is-Slovakkja bagħtet ittri ta' appoġġ minn DHL Express (is-Slovakkja), s.r.o. ("DHL"), GEFCO SLOVAKIA, s.r.o., Bohemiakombi, s.r.o. u Kombiverkehr. Is-Slovakkja bagħtet aktar informazzjoni permezz ta' e-mails datati t-3 ta' Settembru, it-18, it-22, l-24, is-26 u d-29 ta' Ottubru, is-6, id-9, it-13 u l-14 ta' Novembru u s-6 ta' Diċembru 2012.

(6) Permezz ta' ittra datata t-23 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni għarrfet lis-Slovakkja bid-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE. Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ mis-Slovakkja fit-12 ta' Frar 2013.

(7) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (2) fis-16 ta' Frar 2013. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri kkonċernati fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.

(8) Il-Kummissjoni bagħtet id-deċiżjoni għall-bidu tal-proċedura lill-entitajiet li esprimew l-interess tagħhom matul l-eżaminazzjoni preliminari, jiġifieri Bohemiakombi, s.r.o., DHL Express (is-Slovakkja), s.r.o., GEFCO SLOVAKIA, s.r.o., Kombiverkehr, Metrans u l-konsulenza legali tiegħu SCHWARZ advokáti s.r.o. u Green Integrated Logistics (is-Slovakkja) s.r.o., kif ukoll lil partijiet potenzjalment interessati oħrajn li ġew identifikati mill-Kummissjoni, jiġifieri l-Università ta' Žilina — iċ-Chairperson tat-trasport bil-ferrovija u ZCHFP SR — ChemLog (l-Assoċjazzjoni tal-Industrija Kimika u Farmaċewtika tar-Repubblika Slovakka) fit-18 ta' Frar 2013.

(9) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ mingħand il-partijiet interessati li ġejjin fid-dati segwenti:

(a) L-Assoċjazzjoni tal-Industrija Kimika u Farmaċewtika tar-Repubblika Slovakka fit-22 ta' Frar 2013;

(b) Bohemiakombi fl-4 ta' Marzu 2013;

(c) Kombiverkehr fis-6 ta' Marzu 2013;

(d) DHL fit-8 ta' Marzu 2013,

(e) SCHWARZ advokáti f'isem Metrans fil-11 ta' Marzu 2013;

(f) Fis-6 ta' Marzu 2013, WienCont Container Terminal Gesellschaft m.b.H. ("WienCont") talbet għal estensjoni tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-kummenti tagħha. Fis-7 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni tat estensjoni lil WienCont sat-18 ta' Marzu 2013. Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ mingħand WienCont fit-18 ta' Marzu 2013.

(10) Permezz ta' ittri datati d-19 u l-20 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni bagħtet il-kummenti li rċeviet mingħand il-partijiet interessati lis-Slovakkja. Is-Slovakkja bagħtet it-tweġiba tagħha għal dawn il-kummenti fil-5 ta' April 2013.

(11) Permezz ta' e-mail datata d-29 ta' April 2013, il-Kummissjoni saqsiet aktar mistoqsijiet lil Metrans. Permezz ta' e-mail datata s-6 ta' Mejju 2013, Metrans bagħtet it-tweġibiet tagħha, li kienu jinkludu verżjoni mhux kunfidenzjali.

(12) Permezz ta' e-mail datata t-8 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni bagħtet l-informazzjoni mhux kunfidenzjali li rċeviet mingħand Metrans lis-Slovakkja. Is-Slovakkja bagħtet il-kummenti tagħha fis-16 ta' Mejju 2013.

(13) Permezz ta' e-mails tat-8 u tas-17 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni saqsiet aktar mistoqsijiet lis-Slovakkja, li s-Slovakkja wieġbet għalihom permezz ta' e-mails datati s-17 u d-29 ta' Mejju 2013.

(14) Il-Kummissjoni saqsiet aktar mistoqsijiet lil WienCont permezz ta' e-mail datata l-21 ta' Mejju 2013, li WienCont wieġbet għalihom permezz ta' e-mail datata s-7 ta' Ġunju 2013.

(2) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

(15) Fis-6 ta' Ġunju, il-Kummissjoni u s-Slovakkja kellhom laqgħa fi Brussell.

(16) Il-Kummissjoni bagħtet l-informazzjoni mhux kunfidenzjali li rċeviet mingħand Metrans u WienCont lis-Slovakkja permezz ta' e-mails datati l-10 ta' Ġunju 2013.

(17) Permezz ta' ittra datata l-10 ta' Ġunju 2013, is-Slovakkja llimitat in-notifika għal terminal wieħed f'Žilina.

(18) Is-Slovakkja bagħtet il-kummenti tagħha dwar l-informazzjoni mibgħuta minn Metrans u WienCont fl-14 ta' Ġunju 2013.

(19) Permezz ta' e-mail tat-18 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni, li sussegwentement hija rċeviet permezz ta' e-mail tad-19 ta' Ġunju 2013.

2. **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA U TAL-KUMMENTI RĊEVUTI QABEL IL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI**

2.1. IT-TERMINALS GĦAT-TRASFERIMENT INTERMODALI

(20) Fin-notifika oriġinali, il-miżura pprovdiet għall-kostruzzjoni u l-operat ta' netwerk ta' terminals pubbliċi għat-trasferiment intermodali addattati għat-trasport ikkombinat kontinentali tal-merkanzija. Oriġinarjament, is-Slovakkja ppjanat li tiffinanzja l-kostruzzjoni ta' erba' terminals għat-trasferiment intermodali li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku fi Bratislava–Pálenisko, Leopoldov– Hlohovec, Žilina–Teplička u Košice–Bočiar.

(21) Is-Slovakkja ddeċidiet dwar in-numru oriġinali ta' terminals u l-lokazzjoni tagħhom fuq il-bażi ta' studju tas-suq imħejji fl-2007 minn Intraco Consulting, impriża ta' konsulenza bbażata fil-Belġju għall-koordinazzjoni kkombinata tat-trasport u l-loġistika. In-numru u l-lokazzjoni tat-terminals ġew iddeterminati wara li ġew ikkunsidrati l-fatturi li ġejjin:

— it-terminals għandhom iservu l-akbar territorju possibbli fis-Slovakkja;

— il-potenzjal sabiex il-kapaċità tat-terminals tiġi utilizzata b'mod sħiħ;

— il-lokazzjoni fuq il-linji ferrovjarji ewlenin, li jikkorrispondu għall-kurituri pan-Ewropej tat-trasport bħala parti min-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) u l-lokazzjoni fuq il-konnessjonijiet ferrovjarji inklużi fil-Ftehim Ewropew dwar il-Linji tat-Trasport Ikkombinat Internazzjonali Importanti u l-Installazzjonijiet Relatati ("il-Ftehim AGTC");

— il-konnettività tal-parks industrijali ppjanati fis-Slovakkja.

(22) Billi l-miżura kif innotifikata tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, kif iddikjarat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, is-Slovakkja ddeċidiet li tillimitaha għall-finanzjament tal-kostruzzjoni u l-operat ta' terminal pubbliku wieħed għat-trasferiment intermodali f'Žilina — Teplička, li jkun addattat għat-trasport ikkombinat kontinentali tal-merkanzija. Dan it-terminal għandu jkun proġett pilota għall-kostruzzjoni possibbli fil-ġejjieni ta' netwerk ta' terminals pubbliċi għat-trasferiment intermodali madwar is-Slovakkja.

(23) Dan sejjer ikun terminal għat-trasferiment intermodali aċċessibbli għall-pubbliku li jkun konformi mal-Ftehim AGTC u mar-regoli tal-International Union of Railways (UIC).

(24) Il-lokazzjoni tal-proġett pilota ntgħażlet minħabba li tinsab l-aktar 'il bogħod mit-terminals kbar u moderni eżistenti, minbarra li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 21.

(25) It-tul utli ta' kull wieħed mit-terminals sejjer ikun ta' 750 metru ta' korsa taħt żewġ krejnijiet tal-irfid mgħammra b'piggy-back hangers li jkunu jistgħu jimmaniġġjaw il-kaxxi skambjabbli u s-semitrejlers li jintużaw għat-trasport kontinentali, kif ukoll il-kontejners tal-baħar għat-trasport intermodali (ISO). Ser jiġu allokati wkoll postijiet ta' parkeġġ angulari taħt il-krejnijiet għall-aħjar immaniġġjar tas-semitrejlers, kif ukoll spazju ta' ħażna għal żmien qasir taħt il-krejnijiet għall-kaxxi skambjabbli li ma jkunux flessibbli. It-terminal il-ġdid ser ikollu kapaċità annwali ta' 450 000 tunnellata grossa. Il-kostruzzjoni tat-terminal għandha titlesta matul l-2015.

(26) It-terminal sejjer jibqa' proprjetà tal-Istat. Il-kumpanija li timmaniġġja l-infrastruttura ferrovjarja nazzjonali, Železnice Slovenskej republiky ("ŽSR"), sejra tesegwixxi d-drittijiet tal-proprjetà għall-Istat. B'mod partikolari, ŽSR sejra tiġi inkarigata mill-ġbir tal-miżati ta' konċessjoni mingħand l-operatur tat-terminal.

(27) L-operat tat-terminal sejjer jiġi kkuntrattat għal perjodu ta' tletin sena lil operatur li jintgħażel fuq il-bażi ta' proċedura ta' offerti li tkun trasparenti u mhux diskriminatorja. Sabiex jiġi żgurat aċċess mhux diskriminatorju għat-terminal u jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jirriżulta bejn l-operatur tat-terminal magħżul u l-impriżi tat-trasport, l-operatur tat-terminal ma jistax ikun impriża tat-trasport li tuża t-terminal, sabiex b'hekk ma jkunx qiegħed jikkompeti mal-impriżi tat-trasport u l-operaturi kkombinati tat-trasport li jkunu qegħdin jagħmlu użu mit-terminal. Jekk l-operatur magħżul jonqos milli jissodisfa l-kundizzjonijiet maqbula skont il-ftehim ta' konċessjoni, l-Istat jista' jirtira l-konċessjoni u jerġa' joħroġha għall-offerti.

(28) L-aċċess pubbliku għat-terminal sejjer jiġi ggarantit billi tiddaħħal dispożizzjoni fil-ftehim ta' konċessjoni konkluż mal-operatur magħżul tat-terminals li tistipula li s-servizzi sejrin jiġu offruti fuq bażi mhux diskriminatorja u bir-rati tas-suq miftuħ. Id-deċiżjoni tal-għotja nnifisha għandha tinkludi wkoll klawżola li tassigura aċċess pubbliku mhux diskriminatorju għall-infrastruttura.

2.2. IL-BAŻI LEGALI GĦALL-MIŻURA

(29) Il-finanzjament għall-miżura sejjer jingħata fuq il-bażi tat-Taqsima 4(2)(m) tal-Att dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru. 231/1999, kif emendat, u tal-Att Nru. 523/2004 dwar ir-regoli baġitarji tal-amministrazzjoni pubblika, li jemenda ċerti atti.

2.3. BAĠIT

(30) Is-Slovakkja qiegħda tippjana investiment inizjali ta' EUR 25,04 miljun għall-kostruzzjoni tat-terminal, li sejjer jinbena mill-Istat u jkun proprjetà tiegħu. Dan l-ammont, li sejjer jiġi ffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni (85 %), kif ukoll ir-riżorsi proprji tal-Istat (15 %), se jkopri 100 % tal-ispejjeż tal-investiment inizjali. Madankollu, l-operatur tat-terminal sejjer jintalab iħallas il-miżati ta' konċessjoni ta' mill-inqas 15 % tal-ispejjeż tal-investiment fuq perjodu ta' ħmistax-il sena.

2.4. IL-BENEFIĊJARJU TAL-MIŻURA

(31) Il-benefiċjarju tal-miżura huwa l-operatur tat-terminal, minħabba li huwa sejjer jibbenifika minn infrastruttura li għaliha jħallas miżati ta' konċessjoni li jkopru biss parti żgħira mill-ispejjeż totali tal-kostruzzjoni tat-terminal.

(32) ŽSR mhijiex meqjusa bħala benefiċjarja tal-miżura, minħabba li hija sejra tamministra biss id-drittijiet tal-proprjetà f'isem l-Istat. Il-miżati ta' konċessjoni li trid tiġbor ŽSR f'isem l-Istat għandhom ibaxxu l-kumpens li hija tirċievi mingħand l-Istat għat-twettiq tal-kompitu pubbliku tagħha bħala l-maniġer tal-infrastruttura tal-ferrovija nazzjonali.

2.5. IL-KUMULAZZJONI U L-OBBLIGU TA' STANDSTILL

(33) Il-miżura ma tistax tirċievi għajnuna minn sorsi oħrajn għall-istess spejjeż eliġibbli.

(34) L-għajnuna sejra tingħata wara li jinkiseb il-kunsens tal-Kummissjoni.

2.6. IR-RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA

(35) Fid-deċiżjoni li tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tan-notifika oriġinali, il-Kummissjoni kkunsidrat:

(a) jekk kienx hemm ħtieġa għall-kostruzzjoni tat-terminals tat-trasferiment intermodali u għall-iżvilupp ta' trasport ikkombinat kontinentali fis-Slovakkja sabiex tiġi mħeġġa bidla modali mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija u permezz tal-passaġġi tal-ilma interni; u

(b) jekk id-distorsjoni tal-kompetizzjoni konsegwenti li tirriżulta mill-miżura tmurx kontra l-interess komuni.

3. KUMMENTI MIS-SLOVAKKJA DWAR ID-DEĊIŻJONI LI TINBEDA L-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI

(36) Fir-rigward tal-ħtieġa għall-għajnuna, is-Slovakkja tenniet l-opinjoni tagħha, ibbażata fuq l-istudji u l-analiżi sottomessi lill-Kummissjoni u fuq il-fehmiet tal-utenti futuri tat-terminals, li mingħajr il-kostruzzjoni ta' terminals

newtrali pubbliċi ma jista' jkun hemm ebda bidla sinifikanti fil-ġejjieni mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija u permezz tal-passaġġi tal-ilma interni. Is-Slovakkja ssemmi lil Kombiverkehr, li sabet tkabbir konsiderevoli fid-domanda għat-trasport ikkombinat fis-Slovakkja, speċjalment fuq l-assi tal-lvant u tan-nofsinhar tal-Ewropa. Madankollu, din id-domanda tiġi ssodisfata biss jekk ikun hemm aċċess għal terminals li jiffunzjonaw u f'pożizzjoni tajba b'kapaċità adegwata li jipprovdu servizzi kompletament newtrali, kif stipulat fil-programm Ġermaniż għall-kostruzzjoni tat-terminals.

(37) Fir-rigward tad-dubji tal-Kummissjoni dwar distorsjoni tal-kompetizzjoni li tmur kontra l-interess komuni, is-Slovakkja tgħid, l-ewwelnett, li l-għan tal-proġett huwa li jiġi żviluppat trasport intermodali kontinentali, li, bħala segment għal kollox ġdid fit-trasport intermodali, bħalissa mhuwiex qiegħed jintuża jew qiegħed jintuża biss b'mod limitat ħafna. It-tieni, l-iffrankar mistenni f'termini tal-ispejjeż esterni huwa 13-il darba ogħla mill-ispejjeż tal-investiment u l-biċċa l-kbira ta' dan l-iffrankar sejjer iseħħ fl-UE barra mis-Slovakkja. Fl-aħħarnett, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni hija minimalizzata mill-kundizzjoni li l-operatur tat-terminals il-ġodda ser ikollu jħallas 15 % tal-ispejjeż tal-investiment totali fil-forma ta' miżati ta' konċessjoni, filwaqt li l-prezzijiet għas-servizzi tiegħu sejrin jiġu rregolati u kkontrollati.

(38) B'reazzjoni għat-tħassib imqajjem fid-deċiżjoni li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni, is-Slovakkja tgħid li t-terminals il-ġodda sejrin jirrappreżentaw madwar 16 % tal-kapaċità teoretika totali tat-terminals intermodali fis-Slovakkja espressa fil-kapaċità tat-trasbord fl-unitajiet tat-trasport intermodali (ITU), kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

Il-kapaċità tat-terminals għat-trasport intermodali fis-Slovakja

It-terminals għat-trasport intermodali	Il-kapaċità tat-trasbord fl-ITUs	
	Teoretiku	Perċentwal (%) tas-sehem
Bratislava - ÚNS	30 000	
Bratislava - Prístav	20 000	
Sládkovičovo	20 000	
Žilina - Intrans	60 000	
Dunajská Streda	600 000	
Košice - Intrans	45 000	
Košice - Haniska	100 000	
Dobrá	75 000	
Ružomberok	30 000	
Eżistenti – totali	**980 000** (*)	**84 %**
Bratislava - Prístav	40 000	
Leopoldov	40 000	
Žilina - Teplička	40 000	
Košice - Bočiar	40 000	
Ġodda – totali	**180 000** (**)	**16 %**
It-terminals kollha – totali	**1 160 000**	**100 %**

(*) l-output tat-trasbord teoretiku bl-istruttura eżistenti u l-użu ta' tekniki tal-immaniġġjar u t-teknoloġija tal-proċess
(**) l-output tat-trasbord teoretiku tat-terminals ġodda wara l-iffinalizzar tal-ewwel stadju tal-kostruzzjoni

Sors: Il-Ministeru tat-Trasport, tal-Kostruzzjoni u tal-Iżvilupp Reġjonali tar-Repubblika Slovakka abbażi tal-informazzjoni pprovduta mis-sidien u mill-operaturi tat-terminals.

(39) Barra minn hekk, is-Slovakkja pprovdiet in-numri li ġejjin fir-rigward tal-iżvilupp tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq fis-Slovakkja.

Sena	It-trasport bit-triq internazzjonali (f'eluf ta' tunnellati)	Tkabbir sena b'sena	Tkabbir kumulattiv
2007	27 202		
2008	30 931	13,7	13,7
2009	28 879	– 3,4	9,8
2010	30 866	3,3	13,5
2011	33 585	8,8	23,5

Sors: L-Uffiċċju tal-Istatistika tar-Repubblika Slovakka.

(40) Fl-aħħarnett, is-Slovakkja qiegħda tiddikjara li hija sejra tapplika l-Artikoli 31 u 56(9) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), għat-terminal intermodali pubbliku tagħha, li ser ikollha tiġi trasposta f'liġi nazzjonali sas-16 ta' Ġunju 2015. Skont l-awtoritajiet Slovakki, dawn ir-regoli sejrin jipprovdu qafas regolatorju adegwat li għandu jnaqqas l-effett tal-akkwiżizzjoni tal-klijenti eżistenti mit-terminals eżistenti.

4. **KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI**

4.1. L-ASSOĊJAZZJONI TAL-INDUSTRIJA KIMIKA U FARMAĊEWTIKA TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA

(41) L-Assoċjazzjoni tal-Industrija Kimika u Farmaċewtika tar-Repubblika Slovakka ("ZCHFP SR") għandha interess fit-trasport ekoloġiku u mingħajr periklu għall-industrija kimika. Għaldaqstant, hija pparteċipat fil-proġett ChemLog, li kien immirat sabiex jidentifika, janalizza u jappoġġa t-trasport ikkombinat u t-terminals intermodali pubbliċi fis-Slovakkja.

(42) ZCHFP SR żiedet mal-kummenti tagħha żewġ studji li saru minn ChemLog, proġett ta' kooperazzjoni Ewropea bejn l-awtoritajiet reġjonali, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija kimika u istituzzjonijiet xjentifiċi mill-Ġermanja, mill-Polonja, mir-Repubblika Ċeka, mis-Slovakkja, mill-Ungerija u mill-Italja, li fih tipparteċipa ZCHFP SR: "*The Strategy of Combined Transport Development of Chemicals in Central Europe*" (L-Istrateġija tal-Iżvilupp tas-Sustanzi Kimiċi fit-Trasport Ikkombinat fl-Ewropa Ċentrali) u "*Feasibility Study — Development of railway transport of chemicals in Slovakia in relation to adjacent countries and prepared combined transport terminals*" (Studju tal-Fattibbiltà — L-iżvilupp tat-trasport tas-sustanzi kimiċi bil-ferrovija fis-Slovakkja fir-rigward tal-pajjiżi ġirien u t-terminals imħejjija għat-trasport ikkombinat).

(43) ZCHFP SR tikkonkludi li t-terminals pubbliċi fis-Slovakkja sejrin jikkontribwixxu b'mod pożittiv primarjament għat-trasport ikkombinat kontinentali, minħabba li t-terminals attwali jittrasportaw biss kontejners tal-ISO. Skont ZCHFP SR, ġew ittrasportati biss ftit kaxxi skambjabbli u semitrejlers mis-Slovakkja permezz tal-ferrovija, minħabba li l-operaturi attwali mhumiex interessati fihom u bħalissa ma hemm ebda konnessjoni regolari mis-Slovakkja lejn punt intermodali fil-punent tal-Ewropa.

4.2. BOHEMIAKOMBI

(44) Bohemialkombi huwa operatur tat-trasport ikkombinat attiv fis-Slovakkja, fejn huwa jopera primarjament mill-binarji sekondarji tal-kumpaniji. Skont Bohemiakombi, l-aktar utenti komuni tal-linji kontinentali fl-Ewropa huma t-trasportaturi bit-triq u l-aġenti tal-merkanzija żgħar u ta' daqs medju. Huma joffru trasport bieb bieb u, bil-għan li jużaw trasport ikkombinat, huma jeħtieġu s-servizzi ta' terminals newtrali u operaturi tat-trasport ikkombinat. Dawn l-SMEs ma jistgħux jinvestu f'terminals tagħhom stess u għalhekk jeħtieġu l-infrastruttura pubblika għat-trasbord. Fin-nuqqas ta' tali infrastruttura, dawn l-impriżi jużaw biss it-trasport bit-triq.

([3]) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

(45) Bohemiakombi ssostni li t-terminals privati jistgħu jintużaw biss għat-trasport kontinentali b'mod limitat ħafna, minħabba li l-operaturi tat-terminals joffru wkoll trasport bieb bieb u għalhekk jinsabu f'kompetizzjoni diretta mat-trasportaturi bit-triq. B'hekk, l-użu tat-terminals privati huwa marbut mar-riskju li t-trasport ittrasferit mit-triq għall-ferroviji jista' jittieħed f'idejn l-operatur tat-terminal privat, li għandu aċċess għall-informazzjoni kollha dwar il-konsenji u joffri servizzi li jikkompetu.

(46) Bohemiakombi tgħid li l-ħlas li normalment jintalab għat-trasbord intermodali fis-Slovakkja huwa ta' EUR 45-50 għal kull unità li tiġi ttrasbordata, li huwa d-doppju tal-ħlas mitlub fit-terminals pubbliċi fi bnadi oħra fl-UE. Skont Bohemiakombi, dan iservi ta' ostakolu għall-bidla modali mit-trasport bit-triq għal dak bil-ferrovija. Bohemiakombi temmen li t-terminals intermodali pubbliċi mibnija permezz tal-fondi pubbliċi sejrin jipprovdu servizzi orħos u, b'hekk, għandhom inaqqsu l-ostakolu għat-tranżizzjoni għat-trasport bil-ferrovija.

(47) Bohemiakombi tikkonkludi li l-għajnuna mill-Istat għandha ssaħħaħ il-kompetizzjoni fis-servizzi tat-terminals intermodali.

4.3. KOMBIVERKEHR

(48) Kombiverkehr tirrimarka li hija tittrasporta ftit unitajiet kontinentali lejn is-Slovakkja — inqas minn 1 000 fis-sena. Kombiverkehr issostni li dan huwa dovut l-aktar għall-ispejjeż għoljin tat-trasbord, li jaqbżu l-EUR 45 għal kull unità li tiġi ttrasferita minn trakk għal ferrovija jew viċi versa, jew madwar id-doppju tal-ispejjeż fit-terminals ikkofinanzjati pubblikament fil-Ġermanja. L-unitajiet li qegħdin jiġu ttrasportati bħalissa ġejjin primarjament mill-industrija kimika, li t-trasport bit-triq għalihom jiswa aktar flus u huwa assoċjat ma' riskji ambjentali ogħla. Barra minn hekk, l-unitajiet tat-trasport tal-industrija kimika jistgħu ta' spiss jiġu mmaniġġjati minn fuq bl-użu tal-istess spreader bħal kif jiġri fit-trasport marittimu kkombinat.

(49) Skont Kombiverkehr, il-maġġoranza tat-trasport internazzjonali fis-Slovakkja hija merkanzija ġenerali, bħal prodotti ppakkjati, prodotti tal-industrija tal-karozzi, magni u prodotti tal-konsumaturi, li jiġu ttrasportati f'semitrejlers u parzjalment f'kaxxi skambjabbli. Madankollu, it-terminals Slovakki ma għandhomx it-tagħmir neċessarju għat-trasbord ta' unitajiet bħal dawn.

(50) Skont Kombiverkehr, l-iżvilupp ta' trasport kontinentali kkombinat u sostenibbli jeħtieġ

(a) terminals bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġejjin:

— 700 m ta' binarji li jistgħu jintużaw;

— konnessjoni ferrovjarja diretta għal kuritur ferrovjarju ewlieni;

— spreaders u piggy-back hangers;

— maħżen ta' daqs suffiċjenti li jieħu f'kunsiderazzjoni li l-unitajiet ma jistgħux jiġu stivati fuq xulxin;

— holding sidings suffiċjenti għall-ferroviji fit-terminal jew fil-viċinanzi tiegħu;

(b) tariffi tat-trasbord li jikkompetu sewwa mat-trasport bit-triq — sa EUR 20-25 għal kull trasbord bit-triq u bil-ferrovija;

(c) maniġers tat-terminal indipendenti li jistgħu jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju. Għalkemm jistgħu jintużaw it-terminals attwali mill-partijiet terzi, Kombiverkehr tgħid li l-kundizzjonijiet għall-partijiet terzi huma prekarji. L-ewwelnett, billi l-operaturi tat-terminal huma wkoll trasportaturi, dejjem hemm periklu għall-operaturi terzi tat-trasport ikkombinat li l-klijenti tagħhom jispiċċaw jittieħdu mill-operatur tat-terminal. It-tieni, l-operaturi tat-terminal huma interessati fil-partijiet terzi biss sakemm ikollhom post vojt għalihom fit-terminal. Hekk kif ikollhom volumi ta' trasport suffiċjenti, l-interess tagħhom fl-għoti ta' aċċess għall-partijiet terzi jaqa'. Fl-aħħarnett, operatur tat-terminal mhux irregolat għandu bosta modi kif jagħmel l-użu tat-terminal tiegħu mill-partijiet terzi aktar diffiċli jew ekonomikament żvantaġġjat, pereżempju, permezz tal-iffissar tal-prezzijiet, il-kwalità tas-servizz u d-distribuzzjoni tal-ispazji għall-parkeġġ fit-terminal.

(51) Għal Kombiverkehr, l-iżvilupp ta' punti ta' aċċess ġodda għat-trasport ikkombinat għall-klijenti tagħha jinvolvi telf inizjali kbir li jista' jiġi rkuprat biss wara sena sa sentejn ta' tħaddim regolari. Għaldaqstant, hija ma tistax taffordja li toffri prodotti ġodda fit-terminals mingħajr sigurtà fit-tul.

(52) Għalhekk, Kombiverkehr tappoġġa l-pjan tas-Slovakkja sabiex it-terminal il-ġdid jibda jitħaddem minn impriżi indipendenti. Madankollu, fl-istess ħin, hija temmen li l-operaturi tat-trasport ikkombinat ikunu aktar interessati fl-iżvilupp tat-terminal jekk ikollhom interess fl-operat tiegħu. Sabiex l-operat tat-terminal ikun newtrali u mhux diskriminatorju, Kombiverkehr hija favur il-kundizzjonijiet li ġejjin:

— l-operatur tat-terminal għandu jkun impriża indipendenti b'maniġment indipendenti;

— ebda operatur tat-trasport ikkombinat ma għandu jkollu sjieda ta' aktar minn 50 % tal-kumpanija li topera t-terminal;

— regoli ċari għall-operatur tat-terminal li jikkonċernaw, pereżempju, l-allokazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-ispazji għall-parkeġġ;

— kontroll tal-operatur tat-terminal minn bord superviżorju indipendenti u mir-regolatur tal-linji tal-ferrovija.

(53) Skont Kombiverkehr, il-potenzjal għal bidla fit-trasport tal-merkanzija mit-triq għall-ferrovija huwa kbir ħafna, b'mod partikolari fuq rotot lejn il-Ġermanja (Rhein-Ruhr-Gebiet u Hamburg/Hannover), kif ukoll lejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Belġju. Bħalissa, it-traffiku fuq dawn ir-rotot huwa ta' madwar 1 000 trakk fil-ġimgħa.

(54) Kombiverkehr tafferma li huwa interessat biss fit-trasport kontinentali tal-merkanzija, li bħalissa qiegħed isir bit-triq. Għaldaqstant, bl-użu tat-terminal il-ġdid hija mhix sejra tbaxxi l-volumi tat-trasbord u tal-merkanzija fit-terminals eżistenti fis-Slovakkja, fejn diġà qiegħed jintuża t-trasport ikkombinat.

4.4. DHL

(55) Il-kumpanija DHL issostni li t-terminals intermodali attwali fis-Slovakkja mhumiex miftuħa għas-servizz pubbliku u ma jipprovdu ebda aċċess liberalizzat għat-trasbord bejn l-infrastruttura pubblika għat-trasport bit-triq u bil-ferrovija. DHL tappoġġa lill-awtoritajiet Slovakki fl-isforz tagħhom sabiex jilliberalizzaw it-trasport ikkombinat permezz tal-kostruzzjoni tal-erba' terminals intermodali ġodda għat-trasport bit-triq u bil-ferrovija.

4.5. METRANS

(56) Metrans issostni li l-argumenti li tuża s-Slovakkja sabiex tiġġustifika l-għajnuna mill-Istat għall-kostruzzjoni tat-terminals mhumiex issostanzjati u korretti, jew inkella mhumiex rilevanti. Fil-qosor, l-argumenti tal-kumpanija kontra l-miżura kif innotifikata oriġinarjament huma dawn li ġejjin:

In-newtralità tat-terminals eżistenti

(57) Skont Metrans, l-affermazzjoni tas-Slovakkja li l-operaturi tat-terminal attwali ma jipprovdux is-servizzi newtrali meħtieġa mhijiex vera u, sa issa, is-Slovakkja naqset milli tipprovdi xi evidenza għal din l-affermazzjoni. Metrans topera t-terminals tagħha fuq bażi newtrali u tipprovdi s-servizzi tagħha wkoll lil trasportaturi indipendenti. Metrans tippermetti operazzjonijiet li jagħmlu użu minn ferroviji oħrajn. Pereżempju, fit-terminal ta' Interport f'Košice, li huwa operat minn Metrans stess, hija tipprovdi servizzi li huma esklussivament relatati mat-terminal, filwaqt li kwalunkwe trasport jiġi mmaniġġjat minn partijiet oħrajn. Safejn taf Metrans, l-istess japplika għal terminals oħrajn li huma aċċessibbli għall-pubbliku. Is-Slovakkja qatt ma ressqet ilmenti uffiċjali jew mhux uffiċjali lil Metrans fir-rigward ta' xi allegat nuqqas ta' newtralità u lanqas qatt ma kien hemm xi awtorità tal-kompetizzjoni li fetħet xi investigazzjoni jew li indirizzat lil Metrans b'xi mod ieħor f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, skont Metrans, is-Slovakkja ma tistax twaqqaf lill-operaturi ta' terminals pubbliċi milli jidħlu wkoll fin-negozju tat-trasportazzjoni, li jkun ifisser it-telf tal-allegata newtralità tagħhom. Fl-aħħarnett, Metrans issostni li s-servizzi komprensivi jwasslu għal effiċjenza teknika akbar u għal tnaqqis fil-prezzijiet (bil-proċess kollu tat-trasport u tal-immaniġġjar ikkontrollat permezz tal-kompjuter u bi kwalità ta' servizz aħjar), li, flimkien mal-kwalità tas-servizz, jagħtu ċ-ċans sabiex it-terminals jikkompetu aħjar mat-trasport bit-triq. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk l-operaturi tat-terminal intermodali eżistenti fis-Slovakkja joffrux servizzi tat-terminal intermodali lil operaturi indipendenti tat-trasport ikkombinat u kif dawn is-servizzi jiġu rreklamati pubblikament, Metrans irreferiet għat-taqsima tal-websajt tagħha li toffri servizzi ta' ħażna u pprovdiet lista ta' operaturi tat-trasport indipendenti, trasportaturi, kumpaniji ta' trasport marittimu u kumpaniji tal-kiri li għamlu użu mis-servizzi tagħha. Metrans tirreferi wkoll għal erba' kumpaniji li jużaw it-terminal tagħha u li joffru servizzi ta' trasport intermodali.

It-trasport kontinentali

(58) Skont Metrans, mhuwiex korrett li jintqal li t-terminals eżistenti ma joperawx trasport kontinentali. Metrans issostni li mit-total ta' 127 ferrovija li topera fil-ġimgħa, tnax minnhom jintbagħtu lejn Duisburg u tnax oħra lejn Rotterdam, fejn dawn il-ferroviji jintużaw esklussivament għat-trasport kontinentali. Barra minn hekk, 10 % tal-ferroviji kollha operati jaqgħu fil-kategorija tat-trasport kontinentali. Madwar 50 % tal-volumi operati fit-terminal tagħha f'Košice Haniska huma għat-trasport kontinentali. Fit-terminals tagħha, Metrans għandha t-tagħmir sabiex tħaddem l-unitajiet kontinentali kollha, bħal reach stackers jew piggy-back spreaders li jinqalgħu għall-immaniġġjar tal-unitajiet kontinentali, bħal kaxxi skambjabbli u semitrejlers, u tista', meta jkollha bżonn, tibni rampi hekk imsejħa "RO-LA". Madankollu, Metrans tirrimarka li ma hemm ebda domanda għal servizzi bħal dawn. Metrans issostni li l-użu ta' kaxxi skambjabbli, semitrejlers jew trakkijiet huwa ineffiċjenti meta mqabbla mal-kontejners tal-pallets ISO b'wisa' ta' 45 pied (13,7 metri) li huma ddisinjati speċifikament għat-trasport ikkombinat,

minħabba li l-ispejjeż tat-trasport għal dawn il-kontejners huma 30 % inqas minn dawk għat-trasport tat-trejlers tat-trakkijiet. Barra minn hekk, madwar 25 % tal-fatturat tal-kumpanija jiġi ġġenerat minn servizzi relatati mat-trasport kontinentali. Is-suq rilevanti jestendi lil hinn mill-fruntiera Slovakka, b'terminals fil-pajjiżi ġirien li jikkostitwixxu kompetizzjoni effettiva u li jwettqu servizzi relatati mat-trasport kontinentali. Metrans issostni li t-terminals pubbliċi mhumiex ser jitfasslu għat-trasport kontinentali.

Il-konformità tat-terminals eżistenti mal-Ftehim tal-AGTC

(59) Skont Metrans, l-investiment fit-terminals b'parametri konformi mal-AGTC (bil-binarji tat-terminal b'tul ta' 750 m) huwa kummerċjalment ineffiċjenti u jikkostitwixxi spejjeż mitlufa. L-infrastruttura ferrovjarja fis-Slovakkja u fil-pajjiżi ġirien (bħar-Repubblika Ċeka u l-Ungerija) ma tippermettix l-operat ta' ferroviji itwal minn madwar 550 metru. Din is-sitwazzjoni mhux mistennija tinbidel matul il-5-7 snin li ġejjin, iżda bosta terminals, inklużi ż-żewġ terminals ta' Metrans, jinsabu f'pożizzjoni li jestendu l-binarji tat-terminal tagħhom sa 750 metru f'limitu ta' żmien ta' bejn sena u sentejn u b'hekk jirreaġixxu hekk kif il-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja tippermetti l-użu ta' tali ferroviji.

Il-kostruzzjoni u l-operat ta' terminals newtrali huma possibbli mingħajr għajnuna mill-Istat

(60) Metrans issostni li hija stess hija l-aqwa prova li s-suq tat-terminal intermodali huwa attraenti għall-investituri privati u li dawn it-terminals jistgħu jkunu kummerċjalment fattibbli. Minbarra l-investiment ġdid tagħha fl-akbar terminal fis-Slovakkja, proprju f'Dunajská Streda, fl-2012 Metrans fetħet terminal ġdid f'Košice. Kwalunkwe investiment bħal dan huwa sensittiv ħafna kemm għall-bidliet fil-liġi wara li jkun sar l-investiment, kif ukoll għall-appoġġ mill-Istat għat-trasport ikkombinat. Il-pjanijiet tas-Slovakkja li tinvesti l-flus tal-Istat fit-terminals (flimkien ma' politika ineffiċjenti tal-Istat dwar it-trasport) diġà qegħdin jiskoraġġixxu lill-investituri privati milli jagħmlu investimenti ulterjuri fit-titjib tat-terminals eżistenti jew milli jagħmlu aktar investimenti ġodda.

Il-miżura kif innotifikata oriġinarjament tfixkel il-kompetizzjoni

(61) Skont Metrans, l-operaturi tat-terminals pubbliċi se jiksbu vantaġġ kompetittiv sinifikanti, minħabba li sejrin jirċievu sussidju ta' 85 % fuq l-ispiża kapitali totali. Is-Slovakkja ma tistax twaqqaf b'mod effettiv lill-operaturi milli joffru prezzijiet soġġetti għad-dumping (kwalunkwe ffissar tal-prezzijiet fil-ftehim ta' konċessjoni jista' f'xi punt jiġi kkontestat bħala restrizzjoni serja illegali). Metrans ma taqbilx mal-argument tas-Slovakkja li t-terminals pubbliċi sejrin jitolbu prezzijiet komparabbli għat-terminals eżistenti. Is-suq intern (li jestendi lil hinn mill-fruntieri tas-Slovakkja) sejjer jiġi affettwat b'mod sinifikanti; pereżempju, l-akbar żona ta' Bratislava li hija servuta wkoll minn żewġ terminals fi Vjenna. Metrans ipprovdiet lill-Kummissjoni bit-tariffi li hija toffri fuq talba lil kwalunkwe klijent interessat. Skont din l-iskeda ta' tariffi, il-kumpanija titlob ħlasijiet konsiderevolment aktar baxxi minn dawk previsti skont il-miżura għal kull operazzjoni għal kwalunkwe tip ta' unità. Fl-aħħarnett, it-terminal ippjanat f'Košice sejjer jinbena kilometru biss bogħod mit-terminal il-ġdid ta' Metrans. Fil-viċinanza ta' Bratislava, fejn mistenni jinbena terminal ġdid ieħor, diġà hemm żewġ terminals fi Vjenna, tnejn f'Budapest u wieħed f'Dunajská Streda.

Il-kostruzzjoni ta' terminals pubbliċi ġodda mhijiex ser tattira volumi ġodda mit-trasport bit-triq għal dak ikkombinat

(62) Kif tgħid Metrans, is-servizzi tat-terminal (immaniġġjar, tagħbija mill-ġdid, eċċ.) jikkostitwixxu biss madwar 2 % tal-ispejjeż totali tat-trasport ikkombinat. It-tariffi għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja jammontaw għal madwar 40 — 50 % tal-ispejjeż totali tat-trasport. Għaldaqstant, it-terminals il-ġodda jattiraw biss klijenti li diġà qegħdin jużaw it-trasport ikkombinat. Huwa biss l-appoġġ effettiv mill-Istat għat-trasport ikkombinat li jista' jgħin sabiex jiżdiedu l-volumi.

L-iffrankar fl-ispejjeż esterni

(63) L-iffrankar fl-ispejjeż esterni kif affermat mis-Slovakkja jista' jsir biss jekk jiġi attirat trasport addizzjonali mit-triq għall-ferrovija u, anki meta jseħħ dan, l-iffrankar ma jiġix biss mill-kostruzzjoni ta' terminals pubbliċi. Metrans issostni li l-kostruzzjoni tat-terminals mhijiex ser twassal għal żieda sinifikanti fil-volumi tat-trasport ikkombinat u b'hekk ma jkunx jista' jinkiseb l-iffrankar fl-ispejjeż esterni.

Il-kapaċitajiet eżistenti huma suffiċjenti u ż-żieda fid-domanda tista' tiġi ssodisfata mis-suq

(64) Skont Metrans, it-terminals eżistenti bħalissa qegħdin jużaw biss madwar 50 % tal-kapaċità proprja tagħhom. Barra minn hekk, il-volumi totali tal-merkanzija ttrasportata fis-Slovakkja naqsu b'mod stabbli fis-snin riċenti. Metrans tappoġġa din l-affermazzjoni bi statistika dwar it-trasportazzjoni tal-merkanzija fis-Slovakkja, li turi 203 miljun tunnellata fl-2009, 191 miljun tunnellata fl-2010 u 179 miljun tunnellata fl-2011. B'hekk, il-previżjonijiet ekonomiċi ċċitati mis-Slovakkja bħala sostenn għall-affermazzjoni tagħha huma skorretti u mhux aġġornati. Anki jekk iż-żieda fid-domanda għat-trasport ikkombinat ma tistax tintlaħaq permezz tal-kapaċitajiet żejda eżistenti, hija tista' tintlaħaq bi spiża relattivament baxxa fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju billi jittejbu u jiġu estiżi l-kapaċitajiet eżistenti jew billi l-investituri privati jibnu kapaċitajiet ġodda. Metrans tgħid li, fl-2010, il-volum totali tat-terminals intermodali eżistenti kollha fis-Slovakkja kien ta' 1.9 miljun tunnellata. Il-kapaċità ppjanata tat-terminals pubbliċi ġodda hija ta' 1.8 miljun tunnellata fis-sena, li tirrappreżenta kważi 100 % tas-suq.

(65) Metrans tikkonkludi li, fis-sitwazzjoni ekonomika u tas-suq attwali (il-kapaċitajiet żejda eżistenti, il-volumi li qegħdin jonqsu b'mod stabbli tal-merkanzija ttrasportata, il-politika tat-trasportazzjoni instabbli), l-erba' terminals pubbliċi mhumiex proġetti vijabbli. Jekk jinbnew, huma jispiċċaw jagħtu lok għal kapaċità żejda ulterjuri, li twassal biss sabiex tfixkel il-kompetizzjoni u tiskoraġġixxi lill-operaturi privati, li jeħtieġ li joperaw fuq livell li jkopri mhux biss l-ispejjeż varjabbli tagħhom iżda wkoll dawk fissi.

4.6. WIENCONT

(66) WienCont hija s-sid u l-operatur ta' terminal trimodali kbir fi Vjenna. Hija ssostni li l-għajnuna mill-Istat għall-kostruzzjoni ta' erba' terminals intermodali pubbliċi fis-Slovakkja mhijiex meħtieġa għall-iżvilupp tat-trasport intermodali fis-Slovakkja u tispiċċa tfixkel il-kompetizzjoni b'mod mhux negliġibbli. WienCont issostni li l-għajnuna ta' EUR 135,5 miljun u l-intensità tal-għajnuna ta' 85 %/100 % assolutament mhumiex meħtieġa, minħabba li WienCont ilha mill-2006 topera u tespandi t-terminal tagħha b'sussidji operattivi u ta' investiment mill-Belt ta' Vjenna ta' EUR 11,6 miljun u b'intensità tal-għajnuna ta' 31 %.

(67) WienCont tkompli tqajjem dubji dwar il-previżjoni fuq it-tkabbir fit-trasport intermodali pprovduta mis-Slovakkja u tirreferi għall-istatistika li turi li t-tkabbir industrijali fis-Slovakkja bejn l-2010 u l-2012 kien ta' 13 % biss. Hija tagħmel referenza wkoll għal previżjoni aktar riċenti minn Snizek & Partner (2011), li tassumi tkabbir fit-trasport ta' merkanzija mhux akkumpanjata minn 300 000 ITU fl-2008 għal 440 000 ITU fl-2030. Skont din il-previżjoni, is-suq kollu jista' jiġi kopert mill-kapaċitajiet tat-terminals ta' WienCont. Madankollu, l-awtoritajiet Awstrijaċi qegħdin jappoġġaw il-kostruzzjoni ta' terminal intermodali kbir ieħor fi Vjenna Inzersdorf, li fil-fatt għadha kif bdiet.

(68) WienCont issostni li l-kostruzzjoni tat-tieni terminal fir-reġjun, fi Bratislava, iddgħajjef il-pożizzjoni ta' Vjenna bħala ċentru. Hija ssostni wkoll li l-kostruzzjoni tat-terminals il-ġodda għandha twassal għal bidla mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija.

(69) Fl-2011 u fl-2012, il-kapaċità ta' WienCont kienet ta' 250 000 ITUs. Hija mmaniġġjat 72 541 ITUs fl-2012 u 71 369 ITUs fl-2011, bit-trasport mis-Slovakkja jammonta għal 2 968 ITUs fl-2012 u għal 2 148 ITUs fl-2011, filwaqt li t-trasport lejn is-Slovakkja kien żero fl-2012 u 59 ITUs fl-2011. It-tariffi tal-immaniġġjar ta' WienCont għal kull kontejner huma komparabbli ma' dawk fil-miżura għal kontejner fit-terminal, iżda huma ogħla għall-użu tal-maħżen u għall-immaniġġjar ta' trejler.

5. **IL-KUMMENTI TAS-SLOVAKKJA DWAR IL-KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI**

(70) Is-Slovakkja rrimarkat li erbgħa mis-sitt partijiet li wrew l-interess tagħhom esprimew l-appoġġ tagħhom għall-għajnuna intiża għall-kostruzzjoni tat-terminals pubbliċi. Ir-reazzjonijiet tas-Slovakkja għas-sottomissjonijiet li saru minn Metrans u WienCont huma ppreżentati hawn taħt.

5.1. REAZZJONI GĦAS-SOTTOMISSJONI MINN METRANS

In-newtralità tat-terminals eżistenti

(71) Is-Slovakkja ttenni li Metrans mhijiex operatur ta' terminal newtrali minħabba li hija nnifisha hija operatur tat-trasport. Hija tirreferi għas-sottomissjonijiet minn Bohemiakombi u Kombiverkehr, li jsemmu riskju possibbli ta' kunflitt ta' interess ta' Metrans li taġixxi kemm bħala operatur tat-terminal kif ukoll bħala operatur tat-trasport ikkombinat u tat-trasport bieb bieb. Is-Slovakkja tirreferi wkoll għar-rekwiżit skont il-liġi tal-UE li operatur ta'

infrastruttura ferrovjarja ma jistax ikun f'kompetizzjoni mal-impriżi tat-trasport li jużaw dik l-infrastruttura ferrovjarja. Is-Slovakkja ttenni li hija tista' tinforza n-newtralità tal-operatur li tagħżel għall-operat tat-terminals pubbliċi tagħha. Fir-rigward tat-trasportaturi li jużaw it-terminals ta' Metrans, is-Slovakkja tirrimarka li hija ma taf b'ebda wieħed minnhom li jopera rotta regolari ta' trasport ikkombinat.

(72) Fir-rigward tal-effiċjenza tas-servizzi komprensivi, is-Slovakkja tirrimarka li s-sjieda tal-infrastruttura minn impriża tat-trasport twassal għal pożizzjoni ta' monopolju u, għalhekk, is-sid tal-infrastruttura ma għandux ukoll juża l-infrastruttura bħala operatur tat-trasport. F'din il-konnessjoni, is-Slovakkja tirreferi għall-fatt li Metrans għandha sehem mis-suq ta' 55-60 %.

(73) Is-Slovakkja tirrimarka li s-sit elettroniku ta' Metrans, li fuqu Metrans tafferma li tirreklama s-servizzi ta' trasbord tagħha, ma joffrix is-servizz ta' terminal intermodali għall-operaturi tat-trasport intermodali, iżda għall-kumpaniji tat-trasport marittimu u għall-kumpaniji tal-kiri.

It-trasport kontinentali

(74) Is-Slovakkja tafferma li ma hemm ebda statistika li turi t-trasport kontinentali affermat minn Metrans. Is-Slovakkja qatt ma rċeviet informazzjoni li turi li Metrans għandha t-tagħmir meħtieġ għall-immaniġġjar tal-ITUs kontinentali. Hija tassumi li Metrans qiegħda tikkunsidra t-trasport kontinentali sabiex tinkludi l-kontejners marittimi li tgħabbew barra mill-Ewropa, iżda li ġew ittrasbordati f'wieħed mit-terminals interni.

(75) Is-Slovakkja ssostni li l-istatistika tal-UIRR ([4]) tirribatti l-affermazzjoni ta' Metrans li ma jeżisti ebda suq għas-semitrejlers u għall-kaxxi skambjabbli.

(76) Is-Slovakkja tispjega wkoll li d-disinn tat-terminals ippjanati huwa partikolarment addattat għat-trasport kontinentali. It-tagħmir tat-trasbord ser ikun jista' jimmaniġġja s-semitrejlers u l-kaxxi skambjabbli. L-ispazju taħt il-krejn sejjer jiġi ddisinjat speċifikament sabiex iservi l-ITUs kontinentali: ser ikun hemm spazji bejn l-ITUs li huma meħtieġa għall-immaniġġjar permezz tal-piggy-back hangers; u ser ikun hemm spazji ta' parkeġġ dijagonali għas-semitrejlers, li għandhom jippermettu mmaniġġjar dirett mit-trakkijiet. Għalhekk, kuntrarju għal dak li jiġri f'terminals oħrajn li huma speċjalizzati fil-kontejners, ser ikun possibbli li dawn it-tipi ta' ITUs jiġu mmaniġġjati b'pass wieħed. Dan għandu jbaxxi l-prezz tat-trasbord għall-ITUs kontinentali fit-terminals pubbliċi.

Il-konformità tat-terminals eżistenti mal-Ftehim tal-AGTC

(77) Skont il-prijoritajiet tal-UE għall-politika tat-trasport bil-ferrovija, is-Slovakkja qiegħda tinvesti f'infrastruttura li tippermetti t-trasportazzjoni ta' ferroviji b'tul ta' 750 metru. Is-Slovakkja hija tal-fehma wkoll li t-terminal ta' Metrans f'Dunajská Streda ma jistax jiġi estiż, minħabba li dan huwa limitat, minn naħa waħda, mit-triq E575 u, min-naħa l-oħra, mill-mogħdija milwija li tgħaqqad it-terminal man-netwerk ferrovjarju ewlieni.

Il-kostruzzjoni u l-operat ta' terminals newtrali huma possibbli mingħajr għajnuna mill-Istat

(78) Skont is-Slovakkja, l-istudji ekonomiċi mħejjija għat-terminals pubbliċi juru li l-kostruzzjoni u l-operat tat-terminals ma jistgħux jiġu ffinanzjati biss mid-dħul li jiġi ġġenerat mill-attivitajiet tat-terminals. Is-Slovakkja qiegħda tassumi li Metrans se tipprovdi finanzjament trasversali għall-kostruzzjoni tat-terminals mid-dħul li jiġġenera mill-attivitajiet tat-trasport.

(79) Is-Slovakkja offriet ukoll li tikkoopera ma' Metrans fil-kostruzzjoni tat-terminals pubbliċi, iżda Metrans ma kenitx lesta li tissodisfa l-kundizzjonijiet tas-Slovakkja fir-rigward tal-aċċess mhux diskriminatorju.

Il-kompetizzjoni ser tiġi mfixkla

(80) Is-Slovakkja tirreferi għall-fatt li d-Direttiva 2012/34/UE tistipula l-prinċipji għall-iffissar tal-miżati għall-użu tas-servizzi tat-terminals, kif ukoll ir-responsabbiltà ta' regolatur ferrovjarju indipendenti sabiex jevalwa dawn il-miżati u jirregolahom f'każ li jkun hemm xi ilmenti.

([4]) L-Unjin Internazzjonali għat-Trasport Ikkombinat bit-Triq u bil-Ferrovija: http://www.uirr.com/en/media-centre/annual-reports/annual-reports/mediacentre/516-annual-report-2011.html.

(81) Is-Slovakkja tgħid li hija tappoġġa wkoll l-iżvilupp tat-trasport ikkombinat minn kumpaniji privati; pereżempju, hija investiet fiż-żieda tal-kapaċità fuq il-binarji ferrovjarji ta' Bratislava-Dunajská, li kienet dovuta għall-ħtiġijiet miżjuda ta' Metrans.

(82) Is-Slovakkja tirrimarka li Metrans immarkat il-lista tal-prezzijiet tagħha għas-servizzi tat-terminal bħala kunfidenzjali, li juri li l-prezzijiet tagħha mhumiex ippubblikati.

Il-kostruzzjoni ta' terminals pubbliċi ġodda mhijiex ser tattira volumi ġodda mit-trasport bit-triq għat-trasport ikkombinat

(83) Fir-reazzjoni tagħha għal din l-affermazzjoni mhux issostanzjata, is-Slovakkja tiċċita s-sottomissjoni minn Kombiverkehr, li tgħid li t-trasport ikkombinat kontinentali jiżviluppa jekk l-operaturi indipendenti tat-terminals jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għas-servizzi tagħhom u jekk il-prezz għal kull operazzjoni ta' mmaniġġjar ma jaqbiżx l-ammont ta' EUR 20-25 għal kull unità ttrasbordata.

(84) Is-Slovakkja ssostni wkoll li skont l-istatistika tal-UIC ([5]), it-trasport ikkombinat kontinentali jammonta għal 47.14 % tat-trasport ikkombinat totali. Madankollu, billi fis-Slovakkja, il-bidla mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija għadha ma laħqitx dan il-livell, għad hemm potenzjal għoli għat-trasport intermodali kontinentali, minflok għall-kontejners marittimi biss.

It-trasport ikkombinat ta' merkanzija mhux akkumpanjata: TEU 2011

segment tas-suq tat-trasport ikkombinat	Kontinentali	Marittimu	Total
	(TEU)		
Trasport ikkombinat domestiku	3 863 110	7 065 030	10 928 140
Trasport ikkombinat internazzjonali	4 678 050	2 510 730	7 188 780
Trasport ikkombinat totali	8 541 160	9 575 760	18 116 920

(85) Is-Slovakkja ssostni li, minħabba li, skont Metrans, l-ispejjeż tat-trasbord jirrappreżentaw madwar 2 % tal-ispejjeż tat-trasport totali u, minħabba li, skont Kombiverkehr, l-ispiża inizjali ta' rotta kontinentali ġdida tista' tiġi rkuprata biss wara sena jew sentejn, huwa improbabbli ħafna li l-operaturi tar-rotot il-ġodda jintroduċu rotot ġodda lejn destinazzjonijiet fejn diġà teżisti rotta. Is-Slovakkja tafferma li, filwaqt li l-klijenti ta' Metrans huma fil-biċċa l-kbira tagħhom kumpaniji tat-trasport marittimu u Metrans tittrasporta l-aktar kontejners marittimi, it-terminal il-ġdid sejjer jiffoka fuq it-trasferiment tal-merkanzija mit-triq għal fuq il-ferroviji. Dan it-terminal huwa intiż għal grupp differenti ta' klijenti u joffri s-servizzi tiegħu f'segmenti differenti tas-suq.

L-iffrankar fl-ispejjeż esterni; il-kapaċitajiet eżistenti huma suffiċjenti u ż-żieda fid-domanda tista' tiġi ssodisfata mis-suq

(86) Is-Slovakkja ssostni li t-tnaqqis fil-volumi ttrasportati fis-Slovakkja huwa irrilevanti għall-istima tal-potenzjal għall-iżvilupp tat-trasport kontinentali, minħabba li t-tnaqqis huwa dovut l-aktar għat-tnaqqis fil-volumi tat-trasport nazzjonali. Għaldaqstant, is-Slovakkja tagħti importanza aktar imsaħħa lill-istatistika (ipprovduta fis-sottomissjoni tagħha hawn fuq) li turi ż-żieda fil-volumi tat-trasport bit-triq, billi dawn huma l-volumi rilevanti li għandhom jiġu mmirati mill-bidla mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija.

(87) Is-Slovakkja ssostni li t-terminals il-ġodda sejrin jirrappreżentaw biss 16 % tal-kapaċità tat-terminals intermodali Slovakki fil-ġejjieni.

(88) B'reazzjoni għall-kummenti minn Metrans fir-rigward tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, in-nuqqas ta' abbiltà li jiġu attirati volumi ġodda mit-trasport bit-triq u l-kopertura ta' domanda ġdida bl-użu tal-kapaċitajiet eżistenti, is-Slovakkja tirreferi għas-sottomissjoni minn Kombiverkehr, li tistma li l-potenzjal għat-trasport ikkombinat kontinentali lejn u mis-Slovakkja huwa wieħed konsiderevoli. Kombiverkehr tgħid li l-volum tat-trasport bit-triq fil-ġimgħa mit-tramuntana tal-Ġermanja, mill-Belġju u mill-Pajjiżi l-Baxxi lejn is-Slovakkja u viċi versa huwa ta' madwar 1 000 trakk. Kombiverkehr qiegħda tipprevedi li tittrasferixxi biss parti mill-merkanzija li qiegħda tiġi ttrasportata bħalissa bit-triq, u għalhekk mhijiex timmira lejn xi waħda mis-sorsi attwali tad-dħul li jiġi ġġenerat mit-terminals eżistenti.

([5]) International Union of Railways: http://www.uic.org/IMG/pdf/2012_report_on_combined_transport_in_europe.pdf.

5.2. REAZZJONI GĦAS-SOTTOMISSJONI MINN WIENCONT

(89) L-ewwelnett, b'reazzjoni għall-punt ta' WienCont li hija kellha intensità tal-għajnuna ta' 31 % biss għall-espansjoni tat-terminal tagħha, filwaqt li s-Slovakkja qiegħda toffri għajnuna ta' 100 % għall-investiment inizjali, is-Slovakkja tirrimarka li WienCont hija operatur b'sehem azzjonarju maġġoritarju mill-awtoritajiet pubbliċi. Barra minn hekk, l-infrastruttura ferrovjarja li tuża tappartjeni għall-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja u l-art li tuża tappartjeni għall-Belt ta' Vjenna. L-ispejjeż tal-kostruzzjoni għat-terminals Slovakki l-ġodda jinkludu kemm ix-xiri tal-art u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' terminal kompletament ġdid. Is-Slovakkja tiddikjara li aktar minn 90 % tal-investiment globali fil-kostruzzjoni tat-terminal ta' WienCont, inklużi l-binarji u l-art, kien iffinanzjat mill-fondi pubbliċi. Barra minn hekk, skont is-Slovakkja, din l-oġġezzjoni tmur kontra l-objettivi tal-Fond ta' Koeżjoni, li għandu l-għan li jnaqqas id-differenzi bejn l-Istati Membri permezz tal-finanzjament għall-infrastruttura u l-protezzjoni ambjentali.

(90) It-tieni, b'reazzjoni għall-affermazzjoni li WienCont tkopri d-domanda kollha fiż-żona ta' Vjenna u li t-terminal ta' Bratislava huwa ta' theddida għall-attivitajiet kummerċjali tagħha, is-Slovakkja tirrimarka li 4,6 % biss tal-volumi totali mmaniġġjati minn WienCont huma mis-Slovakkja. Anki li kieku WienCont titlef dawn il-volumi kollha, li s-Slovakkja għandha dubji kemm jista' jseħħ, il-kumpanija ma ġġarrabx ħsara tant li tkun tista' tiġġustifika li ma tibnix terminal trimodali modern fi Bratislava fuq id-Danubju.

6. **SEGWITU GĦALL-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI MA' Metrans, WienCont U S-Slovakkja**

(91) Is-segwitu tal-Kummissjoni għall-iskambju ta' informazzjoni mas-Slovakkja, Metrans u WienCont ikkjarifika għadd ta' kwistjonijiet fl-informazzjoni pprovduta minn dawn il-partijiet.

(92) Għalkemm Metrans ma setgħetx turi safejn hija tipprovdi t-trasport ikkombinat kontinentali, hija setgħet turi li fil-fatt tipprovdi tali trasport u li l-volumi tat-trasport kontinentali attwali tagħha mhumiex negliġibbli. Għat-trasport kontinentali, Metrans tuża l-kontejners, b'mod partikolari l-kontejners b'wisa' ta' 45 pied (13,7 m) u l-kontejners tat-tankijiet. Metrans uriet wkoll li hija għandha ċertu tagħmir, li huwa addattat għat-trasbord ta' unitajiet tat-trasport intermodali differenti minn kontejners. Is-Slovakkja pprovdiet lill-Kummissjoni b'folji ta' dejta ta' statistika miksuba minn Metrans li juru li Metrans ma ttrasportat ebda trakk, kaxxa skambjabbli jew semitrejler.

(93) Sabiex tirribatti l-argumenti mressqa minn Metrans li ma hemm ebda domanda għat-trasport ikkombinat f'unitajiet ta' trasport intermodali (ITU) minbarra kontejners, is-Slovakkja tippreżenta eżempji tat-terminal b'aċċess newtrali f'Lovosice fir-Repubblika Ċeka, li beda jopera fl-2006 b'rotot regolari, primarjament għat-trasportazzjoni tal-kontejners, fejn l-ammont tal-ITUs ittrasportati żdied b'81 % bejn l-2007 u l-2012, filwaqt li, sal-2012, il-kaxxi skambjabbli u s-semitrejlers kienu jammontaw għal 75 % tal-unitajiet ittrasbordati. Eżempju ieħor mogħti mis-Slovakkja huwa t-terminal b'aċċess newtrali ta' Wuppertal-Langerfled, li bħalissa qiegħed jittrasporta, kważi esklussivament, kaxxi skambjabbli u semitrejlers. Anki fit-terminal ta' WienCont, li huwa post ta' trasbord sinifikanti għall-kontejners marittimi, il-kaxxi skambjabbli jammontaw għal 21 % tal-unitajiet ittrasbordati.

(94) WienCont ipprovda preżentazzjoni li ġiet prodotta minn Snizek & Partner, li tafferma li f'terminal li qiegħed jopera fi 88 % tal-kapaċità tiegħu, il-kwalità tal-operazzjonijiet tiġi indebolita serjament.

(95) Fl-aħħarnett, bil-għan li ttaffi t-tħassib possibbli fir-rigward tal-medda tad-distorsjoni possibbli tal-kompetizzjoni u sabiex tittestja s-suppożizzjonijiet tagħha fir-rigward tat-trasferiment tal-merkanzija mit-triq għall-ferrovija, is-Slovakkja qablet li għall-ewwel hija għandha tibni terminal wieħed biss bħala proġett pilota. Għalhekk, is-Slovakkja rrestrinġiet in-notifika oriġinali għal terminal wieħed biss f'Žilina-Teplička. Dan it-terminal sejjer ikun aktar minn 200 km bogħod mit-terminals ta' Metrans f'Dunajská Streda u f'Košice u mit-terminal ta' WienCont. Barra minn hekk, is-Slovakkja għarrfet lill-Kummissjoni li t-terminal eżistenti ta' Intrans f'Žilina mistenni jingħalaq fil-futur qrib. Il-valutazzjoni tal-miżura mill-Kummissjoni hija stipulata hawn taħt.

7. **VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA**

(96) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jgħid li "kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta" riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti għandha, sakemm taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, titqies bħala inkompatibbli mas-suq intern.'

(97) Il-kriterji stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżura tikkostitwix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, jeħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin. B'mod speċifiku, l-appoġġ finanzjarju għandu:

(a) jingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat;

(b) jikkonferixxi vantaġġ fuq l-impriżi benefiċjarji;

(c) jiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti (il-kriterju tas-selettività);

(d) jfixkel jew jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni, kif ukoll jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(98) Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura jistgħu jikkostitwixxu attività ekonomika ([6]). Billi l-miżura nnotifikata tikkonċerna l-għajnuna ta' investiment għall-infrastruttura li tintuża għall-esplojtazzjoni kummerċjali, il-kostruzzjoni u l-operat ta' tali infrastruttura għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu attività ekonomika u, għaldaqstant, il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(99) Għall-miżura nnotifikata, l-awtoritajiet Slovakki sejrin jibnu t-terminal u jagħżlu d-detentur tal-konċessjoni, li għandu jkun responsabbli mill-operat tiegħu. Dan l-investiment inizjali sejjer jiġi ffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni (85 %) u mir-riżorsi proprji tal-Istat (15 %). Minħabba li r-riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni jiġu ttrasferiti lill-awtorità nazzjonali rilevanti, huma jitqiesu bħala li jinsabu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet Slovakki u bħala li jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat.

(100) Vantaġġ: abbażi tal-investigazzjoni preliminari tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet Slovakki, ma jistax jiġi eskluż li, fil-proċess tal-għażla fil-ġejjieni, il-parteċipazzjoni sejra tkun limitata ħafna u li l-proċess tal-għażla mhuwiex ser jissodisfa l-kriterji ta' offerta kompetittiva. Konsegwentement, u fid-dawl tal-probabbiltà kbira li l-proċess tal-offerti ma jkunx kompetittiv biżżejjed, ma jistax jiġi eskluż li ser jiġi kkonferit vantaġġ ekonomiku fuq l-operatur.

(101) Selettività: minħabba li mill-miżura jibbenifika esklussivament l-operatur magħżul tat-terminal, tali miżura titqies bħala selettiva fin-natura tagħha.

(102) Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ ġewwa l-UE: meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' dik ta' impriżi oħrajn li jikkompetu fil-kummerċ ġewwa l-Unjoni, tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala li ġew affettwati minn dik l-għajnuna ([7]). Huwa biżżejjed li l-benefiċjarju tal-għajnuna jikkompeti ma' impriżi oħrajn fi swieq li huma miftuħa għall-kompetizzjoni ([8]). Fil-każ preżenti, il-miżura nnotifikata għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni tat-terminals tat-trasferiment il-ġodda fir-rigward tat-terminals eżistenti u, għalhekk, għandha effetti li potenzjalment jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni sakemm dan is-suq huwa miftuħ għall-kompetizzjoni. B'hekk, l-għajnuna tista' tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ fi ħdan l-Unjoni.

(103) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

7.1. IL-LEGALITÀ TAL-MIŻURA

(104) L-awtoritajiet Slovakki ssodisfaw l-obbligu tagħhom, skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, illi jinnotifikaw l-għajnuna qabel idaħħluha fis-seħħ. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-fatt li l-għajnuna mhijiex ser tingħata qabel tiġi approvata mill-Kummissjoni.

7.2. VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBBILTÀ

(105) Preċedentement, il-Kummissjoni vvalutat l-għajnuna għall-proġetti ta' infrastruttura direttament fuq il-bażi tal-Artikolu 93 tat-TFUE ([9]) u, wara s-sentenza tas-CJEU fil-kawża ta' *Altmark* ([10]), li pprekludiet l-applikazzjoni

([6]) Ara, *inter alia*, il-Kawża C-82/01P *Aéroports de Paris* [2002] Ġabra I-9297 u l-Kawżi T-443/08 u T-445/08 *Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt* vs *il-Kummissjoni*, li għadhom ma ġewx ippubblikati fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea.

([7]) Ara, b'mod partikolari, il-Kawża 730/79 *Philip Morris* vs *il-Kummissjoni* [1980] Ġabra 2671, il-paragrafu 11; il-Kawża C-53/00 *Ferring* [2001] Ġabra I-9067, il-paragrafu 21; u l-Kawża C-372/97 *L-Italja* vs *il-Kummissjoni* [2004] Ġabra I-3679, il-paragrafu 44.

([8]) Il-Kawża T-214/95 *Het Vlaamse Gewest* vs *il-Kummissjoni* [1998] Ġabra II-717.

([9]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2001 fil-Kawża N 597/2000, ĠU C 102, 31.3.2001, p. 8; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2001 fil-Kawża N 208/2000, ĠU C 315, 4.1.2000, p. 21; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2000 fil-Kawża N 755/1999, ĠU C 71, 3.3.2001, p. 17 u 19; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2001 fil-Kawża N 550/01, ĠU C 24, 26.1.2002, p. 2.

([10]) Il-Kawża C-280/00 *Altmark Trans GmbH* [2003] Ġabra I-7747.

diretta tal-Artikolu 93 tat-TFUE, fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE għat-terminals intermodali ([11]). Minn mindu ddaħħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), l-Artikolu 93 tat-TFUE sar direttament applikabbli bħala l-bażi legali għall-istabbiliment tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għat-trasport bit-triq mhux koperta minn dak ir-Regolament u, b'mod partikolari, tal-għajnuna għall-koordinazzjoni tat-trasport.

(106) L-Artikolu 93 tat-TFUE jgħid li l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinazzjoni tat-trasport hija kompatibbli mat-Trattati. It-terminu "koordinazzjoni tat-trasport" użat f'dik id-dispożizzjoni għandu sinifikat li jmur "lil hinn milli sempliċiment jiffaċilita l-iżvilupp ta" attività ekonomika. Huwa jikkomprendi intervent mill-awtoritajiet pubbliċi intiż biex jiggwida l-iżvilupp tas-settur tat-trasport fl-interess komuni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li dan l-Artikolu "jirrikonoxxi li l-għajnuna għat-trasport hija kompatibbli mat-Trattat biss f'każijiet determinati sewwa li ma jipperikolawx l-interessi ġenerali tal-Komunità" ([13]).

(107) F'ċerti aspetti, il-progress li sar fil-liberalizzazzjoni tas-settur tat-trasport bl-art naqqas b'mod konsiderevoli l-ħtieġa għall-koordinazzjoni. F'settur liberalizzat b'mod effikaċi, fil-prinċipju, il-koordinazzjoni tista' tirriżulta mill-azzjoni tal-forzi tas-suq. Madankollu, anki wara l-liberalizzazzjoni tas-settur, xorta waħda jista' jkun hemm diversi nuqqasijiet fis-suq. Dawn jiġġustifikaw l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi f'dan il-qasam.

(108) Is-settur tat-trasport jista' jesperjenza diffikultajiet ta' "koordinazzjoni" fis-sens ekonomiku tat-terminu, pereżempju, fil-konnessjonijiet bejn in-netwerks differenti tat-trasport. Għaldaqstant, il-Kummissjoni diġà awtorizzat l-għajnuna mill-Istat fuq il-bażi tal-Artikolu 93 tat-TFUE ([14]).

(109) Sabiex miżura ta' għajnuna partikolari tkun tista' titqies bħala li "tissodisfa l-ħtiġijiet" tal-koordinazzjoni tat-trasport, tali miżura għandha tkun neċessarja u proporzjonata għall-iskop maħsub. Barra minn hekk, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, li hija inerenti fl-għajnuna, ma għandhiex tipperikola l-interessi ġenerali tal-Unjoni.

(110) Għaldaqstant, il-Kummissjoni sostniet b'mod konsistenti li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 93 tat-TFUE jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna tikkontribwixxi għal objettiv ta' interess komuni;

(b) l-għajnuna hija meħtieġa;

(c) l-għajnuna hija proporzjonata;

(d) l-aċċess għall-infrastruttura inkwistjoni huwa miftuħ għall-utenti kollha fuq bażi mhux diskriminatorja;

(e) l-għajnuna ma twassalx għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jmorru kontra l-interess komuni.

(111) Għaldaqstant, il-Kummissjoni sejra tevalwa jekk dawn il-ħames kriterji humiex issodisfati fil-każ preżenti, sabiex l-għajnuna tkun tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 93 tat-TFUE.

7.2.1. **Objettiv ta' interess komuni**

(112) Għal xi żmien, l-Unjoni segwiet politika li permezz tagħha kisbet sistema bbilanċjata ta' trasport ikkombinat, u t-trawwim tal-kompetittività tat-trasport ikkombinat vis-à-vis l-użu tat-triq huwa parti minn din il-politika. L-għan tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport ikkombinat huwa li tinkiseb bidla modali mit-trasport bit-triq għal modi oħrajn ta' trasport.

(113) L-istrumenti tal-Unjoni, bħad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE ([15]) tas-7 ta' Diċembru 1992, għandhom l-għan li jrawmu l-iżvilupp tat-trasport ikkombinat. Il-White Paper dwar il-Politika tat-Trasport ([16]) tinkoraġġixxi l-użu tat-trasport bil-ferrovija u ta' modi ta' trasport oħrajn li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent sabiex jiġu żviluppati alternattivi kompetittivi għat-trasport bit-triq.

([11]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2009 fil-Kawża N 651/08 — *Combinant multimodal container terminal* (EFRO) (ĠU C 60, 14.3.2009, p. 4).

([12]) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri. 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

([13]) Il-Kawża C-156/77 *Il-Kummissjoni vs il-Belġju* [1978] Ġabra I-1881, il-paragrafu 10.

([14]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 fil-Kawża C 17/10, *Firmin srl*, ĠU C 278, 15.10.2010, p. 28.

([15]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

([16]) *Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport — Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u effikaċi fl-użu tar-riżorsi*, COM(2011)144 tat-28.3.2011.

(114) Barra minn hekk, il-politika dwar it-trasport ikkombinat hija konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Gothenburg ta' Ġunju 2001, li ddikjara li l-miżuri li jgħinu sabiex titwettaq il-bidla modali mit-trasport bit-triq għal modi ta' trasport li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent jinsabu fil-qalba tal-politika għat-trasport sostenibbli.

(115) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li huwa primarjament il-kompitu tal-operaturi fis-suq li jtejbu t-trasport ikkombinat fis-swieq b'aċċess ħieles u fejn jipprevalu r-regoli tal-kompetizzjoni ħielsa, il-provvista u d-domanda. Madankollu, sabiex jinħareġ kompletament il-potenzjal tat-trasport ikkombinat, jista' jkun hemm bżonn li tiġi stimolata r-rieda li jittieħdu riskji inerenti fil-bidla mit-trasport bit-triq għal modi alternattivi ta' trasport.

(116) Barra minn hekk, l-enfasi fuq l-għażliet tat-trasport ikkombinat qiegħda tkun dejjem aktar ġustifikata mill-kunsiderazzjoni li ġejja: l-industrija tal-Ewropa żżomm jew iżżid il-kompetittività tal-produzzjoni tagħha bbażata fl-Ewropa l-aktar permezz ta' loġistika avvanzata, l-ottimizzazzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni, kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' valur fil-proċess. Dawn il-ktajjen tal-provvista sofistikati qegħdin isiru dejjem aktar vulnerabbli għall-affidabbiltà dejjem tonqos u għall-ispejjeż dejjem jiżdiedu tat-trasport bit-triq. B'hekk, il-loġistika tat-trasport ikkombinat għandha ssir objettiv prinċipali għall-industrija tal-manifattura tal-Ewropa.

(117) Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tirreferi għall-ħtieġa li jitħaffu l-investimenti fl-infrastruttura, b'mod partikolari fil-modi tat-trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, li huma parti min-Netwerks Trans-Ewropej (TENs) u min-netwerks tal-ICT b'veloċità għolja ([17]).

(118) Il-kostruzzjoni tat-terminals intermodali li jiggarantixxu aċċess ugwali għall-utenti kollha ġiet appoġġata minn bosta strumenti tal-UE. Id-Deċiżjoni Nru. 661/2010/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) tesiġi li għandu jiġi stabbilit netwerk ta' trasport trans-Ewropew li, safejn ikun possibbli, għandu jkun interoperabbli fi ħdan il-modi ta' trasport u jinkoraġġixxi l-intermodalità bejn il-modi ta' trasport differenti. Skont dik id-deċiżjoni, il-proġetti ta' interess komuni għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tat-trasport billi jtejbu s-sigurtà u jnaqqsu d-danni ambjentali kkawżati mit-trasport, b'mod partikolari billi jippromwovu bidla modali lejn il-linji ferrovjarji, it-trasport intermodali, il-passaġġi tal-ilma interni u t-trasport marittimu. L-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE ([19]) tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-impriżi ferrovjarji minn Stati Membri oħrajn ikollhom aċċess għall-infrastruttura fuq kundizzjonijiet ekwitabbli għall-iskop tal-operat ta' servizzi internazzjonali għat-trasport ikkombinat tal-merkanzija. Barra minn hekk, fil-Proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew ([20]), il-Kummissjoni pproponiet li l-operaturi tat-terminals tal-merkanzija għandhom jiżguraw li t-terminals tal-merkanzija jkunu miftuħa għall-operaturi kollha, jipprovdu dan l-aċċess b'mod mhux diskriminatorju u japplikaw tariffi trasparenti.

(119) Il-kostruzzjoni tat-terminals intermodali li jiggarantixxu aċċess ugwali għall-utenti kollha hija intiża lejn il-kisba ta' objettiv ta' interess komuni, minħabba li tikkontribwixxi għat-titjib tat-trasport ikkombinat u tinkoraġġixxi bidla modali mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija u permezz ta' passaġġi tal-ilma interni u, b'hekk, tnaqqas il-konġestjoni, ir-rati ta' inċidenti, l-emissjonijiet, il-ħsejjes u l-impatt negattiv fuq il-klima, li lkoll jirriżultaw mit-trasport bit-triq. Tali kostruzzjoni ma hija kkontestata minn ebda waħda mis-sottomissjonijiet li saru b'reazzjoni għall-bidu tal-proċedura li l-objettiv tal-miżura, jiġifieri li tappoġġa l-bidla mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija u permezz ta' passaġġi tal-ilma interni, huwa tabilħaqq objettiv ta' interess komuni.

(120) Fir-rigward tal-kostruzzjoni u l-operat ippjanati tat-terminal f'Žilina–Teplička, skont id-dejta pprovduta mill-awtoritajiet Slovakki, il-benefiċċji f'termini tal-iffrankar fi spejjeż esterni huma aktar minn 15-il darba ogħla mill-ispejjeż tal-kostruzzjoni tal-infrastruttura ppjanata. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-benefiċċji mistennija totali ta' EUR 399 miljun sejrin jinkisbu fl-UE barra mis-Slovakkja, minħabba li għat-trasport bejn is-Slovakkja u l-bqija tal-UE, il-medda tal-vjaġġ li jsir barra s-Slovakkja ġeneralment tkun itwal mill-medda tal-vjaġġ ġewwa s-Slovakkja.

(f'Eur)

L-iffrankar ambjentali fuq medda ta' 30 sena għat-terminal ta' Žilina	
L-iffrankar fuq il-konġestjoni	107 117 951
L-iffrankar fuq l-inċidenti	32 175 502
L-iffrankar fuq l-emissjonijiet	223 748 276

([17]) Il-Komunikazzjoni "Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku", COM(2008) 800 finali, 26.11.2008.
([18]) Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).
([19]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25).
([20]) COM(2011) 650 finali, ĠU C 37, 10.2.2012, p. 16.

(f'Eur)

L-iffrankar ambjentali fuq medda ta' 30 sena għat-terminal ta' Žilina	
L-iffrankar fuq il-ħsejjes	7 338 003
L-iffrankar fuq il-klima	16 390 770
L-iffrankar totali	386 770 502

Sors: Analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji għat-terminal ta' Žilina sottomessa mill-awtoritajiet Slovakki

(121) Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kostruzzjoni tat-terminal intermodali f'Žilina–Teplička tista' tgħin sabiex jintlaħaq objettiv ta' interess komuni minħabba li tikkontribwixxi għat-titjib tat-trasport multimodali u tinkoraġġixxi bidla modali mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija u permezz ta' passaġġi tal-ilma interni, sabiex b'hekk tnaqqas il-konġestjoni, l-inċidenti, l-emissjonijiet, il-ħsejjes u l-impatt negattiv fuq il-klima kkawżati mit-trasport bit-triq.

7.2.2. **In-neċessità u l-proporzjonalità**

(122) Fil-passat ([21]), il-Kummissjoni awtorizzat l-għajnuna ta' investiment għat-terminals intermodali b'intensità tal-għajnuna ta' 50 %. Riċentament, meta l-Istati Membri wrew il-ħtieġa ekonomika għal intensità ta' għajnuna ogħla, il-Kummissjoni kienet lesta li taċċetta tali intensitajiet ogħla f'każijiet debitament ġustifikati ([22]).

(123) Fil-każ preżenti, l-awtoritajiet Slovakki nnotifikaw miżura li tipprevedi intensità tal-għajnuna ta' mill-inqas 85 % favur id-detentur tal-konċessjoni fil-ġejjieni. Dan il-proġett huwa differenti mit-terminals privati ta' Metrans, li nbnew mill-kumpanija mingħajr ebda għajnuna mill-Istat mis-Slovakkja, filwaqt li huwa differenti wkoll mit-terminal fil-qrib ta' WienCont (li jappartjeni għall-Belt ta' Vjenna), li kien ilu jirċievi l-għajnuna b'intensità medja ta' 31 % għax-xiri ta' tagħmir addizzjonali mill-2006. Fil-każ ta' WienCont, l-investiment ma kienx investiment inizjali għal terminal ġdid mibni mill-bidunett, bħalma kien il-każ tat-terminal f'Žilina–Teplička. Barra minn hekk, WienCont tuża l-binarji tal-maniġer tal-infrastruttura u l-art tal-Belt ta' Vjenna, li għalihom ikollha tħallas kera li mhux neċessarjament tkun ugwali għas-somma li tkun involuta għax-xiri ta' dawn il-faċilitajiet.

(124) Fi kwalunkwe każ, billi l-intensità tal-għajnuna fil-każ Slovakk hija 'l fuq minn 50 %, il-Kummissjoni trid tikkunsidra jekk din l-intensità ta' għajnuna ogħla tistax, b'mod eċċezzjonali, tinstab bħala li hija kompatibbli mas-suq intern.

(125) Fir-rigward tan-neċessità tal-għajnuna, l-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji sottomessa mill-awtoritajiet Slovakki tipprojetta rata interna negattiva ta' redditu għat-terminal tat-trasport li huwa ppjanat li jinbena f'Žilina–Teplička mingħajr appoġġ pubbliku. Meta s-Slovakkja tikkunsidra l-investiment inizjali kollu, inklużi l-ispejjeż għax-xiri tal-art, id-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġett b'rata mraħħsa ta' 5 % tikkorrispondi għall-investiment inizjali ta' EUR 25,04 miljun. Rata mraħħsa ta' 5 % hija komparabbli mar-redditu fuq id-dejn pubbliku fit-tul fis-Slovakkja ([23]).

(126) It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor l-ispejjeż tal-investiment, l-ispejjeż operattivi, ir-redditu mistenni fuq l-investiment u l-ammont ta' għajnuna ppjanata għall-kostruzzjoni tat-terminal f'Žilina kif ikkalkolat fl-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji sottomessa mill-awtoritajiet Slovakki.

([21]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2001 fil-Kawża N 597/2000, il-Pajjiżi l-Baxxi — *Subsidieregeling voor bijzondere bedrijfsaansluitingen op vaarwegen*, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2001 fil-Kawża N 208/2000, il-Pajjiżi l-Baxxi — *SOIT*, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2000 fil-Kawża N 755/1999, l-Italja — *Bolzano*, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2010 fil-Kawża N 490/2010, il-Belġju — *Verlenging van steunregeling N 550/2001 inzake publiek-private samenwerking voor de bouw van laad- en losinstallaties langs de waterwegen in het Vlaams Gewest*.

([22]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 fil-Kawża SA.33434, Franza — *Aide au financement d'un chantier multimodal sur le Grand port maritime du Havre*; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 fil-Kawża SA.33486, il-Ġermanja — *Förderprogramm Umschlaganlagen für den kombinierten Verkehr* (li għadha ma ġietx ippubblikata); u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2012 fil-Kawża SA.34501, il-Ġermanja — *L-estensjoni tal-port intern ta' Königs Wusterhausen/Wildau*.

([23]) F'Settembru 2012, l-imgħax fuq id-dejn pubbliku fit-tul fis-Slovakkja kien ta' 4,2 %, ara l-BĊE, http://www.ecb.int/stats/money/long/html/index.en.html.

F'miljuni ta' EUR

Terminal	Spejjeż tal-investiment	Spejjeż operattivi	Spejjeż totali	Dħul	Għajnuna mill- Istat	Profitt mistenni	NPV wara l-għajnuna mill-Istat (5%)
Žilina	25,04	24,81	49,85	24,81	25,04	0	0,00

Sors: Analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji mill-awtoritajiet Slovakki

(127) Billi l-investiment inizjali huwa limitat għad-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġett, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna hija meħtieġa sabiex tiżgura l-kostruzzjoni tat-terminal għat-trasferiment intermodali u l-iżvilupp tat-trasport ikkombinat fis-Slovakkja. Hija tal-fehma wkoll li l-għajnuna għandha tinżamm għall-minimu neċessarju, minħabba li hija akbar mid-diskrepanza fil-finanzjament u, għalhekk, hija proporzjonata sabiex tilħaq l-objettiv ta' interess komuni li tiġi żgurata l-bidla mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija.

7.2.3. L-aċċess għall-infrastruttura inkwistjoni huwa miftuħ għall-utenti kollha fuq bażi mhux diskriminatorja

(128) L-għan tal-miżura huwa li jinbnew terminals pubbliċi ta' trasferiment intermodali għat-trasport ikkombinat kontinentali, b'mod partikolari s-semitrejlers u l-kaxxi skambjabbli, sabiex jappoġġaw il-bidla mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-ferrovija. Bil-għan li jilħqu dan l-għan, it-terminals sejrin:

(a) jitħaddmu minn kumpaniji li huma indipendenti mill-kumpaniji tat-trasport illi jużawhom;

(b) jipprovdu aċċess miftuħ;

(c) joffru kundizzjonijiet trasparenti u mhux diskriminatorji.

(129) Sabiex jiġi żgurat aċċess mhux diskriminatorju għat-terminals u jiġi evitat li jinħoloq kunflitt ta' interessi bejn l-operatur tat-terminal magħżul u l-impriżi tat-trasport, l-operatur tat-terminals għandu jkun indipendenti mill-impriżi tat-trasport.

(130) Barra minn hekk, l-Istat Slovakk sejjer jibqa' s-sid tat-terminals u sejjer jinkludi, fi kwalunkwe ftehim ta' konċessjoni, l-obbligu għall-operatur tat-terminals li jiggarantixxi aċċess miftuħ għall-utenti kollha, inklużi t-trasportaturi u l-operaturi kollha tat-terminals tat-trasport intermodali, fuq bażi mhux diskriminatorja. Jekk l-operatur magħżul jonqos milli jissodisfa din il-kundizzjoni tal-ftehim ta' konċessjoni, l-Istat ikollu s-setgħa li jirtira l-konċessjoni u jerġa' jpoġġiha għall-offerti.

(131) Għaldaqstant, l-aċċess għall-infrastruttura inkwistjoni sejjer ikun miftuħ għall-utenti kollha fuq bażi mhux diskriminatorja.

7.2.4. L-għajnuna ma twassalx għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jmorru kontra l-interess komuni

(132) Il-miżura kif innotifikata oriġinarjament għandha taffettwa s-servizzi tat-terminal intermodali fir-Repubblika Slovakka, li jattira wkoll domanda transfruntieri mill-Awstrija, mir-Repubblika Ċeka, mill-Ungerija u, sa ċertu punt, mill-Polonja. Sabiex jiġi evitat ir-riskju tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, kif stabbilit fid-deċiżjoni li tagħti bidu għall-proċedura, kif ukoll sabiex tiġi ttestjata s-suppożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-impatt tat-terminal fuq il-bidla tat-trasport tal-merkanzija mit-triq għall-ferrovija, l-awtoritajiet Slovakki impenjaw ruħhom sabiex jillimitaw il-proġett għall-bini ta' terminal wieħed bħala proġett pilota f'Žilina–Teplička. Dan it-terminal ser ikun aktar minn 200 km 'il bogħod mit-terminals attwali ta' Metrans u WienCont. Għalhekk, iż-żoni li jservi mhumiex sejrin jikkoinċidu maż-żoni ta' Metrans u WienCont. Dan għandu jillimita l-impatt tal-miżura fuq il-kompetizzjoni. ([24])

([24]) Fid-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2011 fil-Kawża SA.32632 (2011/N) *ETGE*, ĠU C 82, 21.3.2012, p. 2, il-paragrafu 15, il-Kummissjoni tirreferi għal raġġ ta' attrazzjoni ta' 35 km f'żona b'densità għolja ta' terminals (fil-fruntiera bejn il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi). L-awtoritajiet Slovakki jistmaw żona ta' servizz ta' 100 km. Fiż-żona ta' Praga hemm seba' terminals li qegħdin joperaw f'raġġ ta' attrazzjoni ta' 70 km: żewġ terminals kbar fi Praga, tnejn f'Mělník (40 km) u tlieta f'Lovosice (70 km).

(133) Skont l-awtoritajiet Slovakki, bħalissa hemm terminal temporanju f'Žilina li jappartjeni għal Intrans. Kuntrarju għat-terminal li huwa ppjanat li jinbena, dan it-terminal huwa żgħir u jinsab fiċ-ċentru tal-belt. Ir-rampa tat-tagħbija f'dan it-terminal hija aċċessibbli biss minn binarju wieħed b'tul ta' 400 m, li mhuwiex possibbli li jiġi estiż. It-terminal huwa ddisinjat għall-kontejners tal-baħar u ma għandu ebda krejn tal-irfid jew tagħmir għat-trasbord tal-kaxxi skambjabbli u semitrejlers. Minħabba l-iżviluppi tal-ippjanar urban, it-terminal eżistenti ta' Žilina ser ikollu jingħalaq fil-futur qrib.

(134) L-awtoritajiet Slovakki kkonfermaw li l-ħlasijiet tal-ipproċessar tal-merkanzija fit-terminals pubbliċi sejrin jikkorrispondu għall-ħlasijiet tal-ipproċessar applikabbli fit-terminals għat-trasport intermodali li qegħdin joperaw diġà fis-suq. Skont stħarriġ li sar mill-awtoritajiet Slovakki, il-ħlasijiet tal-ipproċessar fit-terminals fl-UE huma bejn EUR 16,30 u EUR 56 għal kull unità, fejn il-ħlas medju huwa ta' EUR 30. L-analiżi kost-benefiċċju sottomessa mill-awtoritajiet Slovakki kienet ibbażata fuq is-suppożizzjoni li, fil-ġejjieni, il-ħlasijiet tal-ipproċessar għal kull unità fl-erba' terminals pubbliċi kollha sejrin ikunu ta' EUR 28–29. Għaldaqstant, il-ħlasijiet imposti fit-terminal pubbliku ta' Žilina–Teplička sejrin ikunu stabbiliti biex iżommu l-kompetittività tat-trasport bil-ferrovija mqabbel mas-settur tat-trasport bit-triq. Żidiet fil-miżati jkunu jfissru li l-operatur tat-terminals pubbliċi ma jkunx jista' jattira biżżejjed merkanzija mis-settur tat-trasport bit-triq sabiex ikopri l-ispejjeż operattivi tiegħu.

(135) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ma tfixkilx il-kompetizzjoni tant li tmur kontra l-interess komuni.

8. **KONKLUŻJONI**

(136) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet kollha ġew issodisfati u li l-għajnuna għall-investiment ta' EUR 25,04 miljun għat-terminal ta' Žilina–Teplička hija kompatibbli mas-suq intern.

(137) Fid-dawl tal-pjan oriġinali tas-Slovakkja li tibni erba' terminals intermodali pubbliċi, il-Kummissjoni titlob li jsir monitoraġġ tat-terminal li għandu jinbena fuq il-bażi tal-proġett pilota li huwa nnotifikat bħalissa. Dan il-monitoraġġ għandu jippermetti lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni aktar b'saħħitha dwar il-ħtieġa tal-għajnuna u l-effett tagħha fuq il-kompetizzjoni, jekk f'xi punt fil-ġejjieni, is-Slovakkja tinnotifika l-għajnuna għat-tliet terminals li jifdal,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat li r-Repubblika Slovakka qiegħda tippjana li timplimenta għall-kostruzzjoni tat-terminal f'Žilina–Teplička fil-forma ta' għajnuna għal investiment inizjali ta' EUR 25,04 miljun hija kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 93 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-implimentazzjoni ta' din l-għajnuna ta' EUR 25,04 miljun hija għalhekk awtorizzata.

Artikolu 2

Fi żmien tliet snin, ir-Repubblika Slovakka għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-volum totali tat-trasport intermodali, il-volum tat-trasport kontinentali u l-volum tat-trasport bl-użu ta' mezzi oħrajn minbarra l-kontejners tal-ISO fis-Slovakkja u fit-terminal ta' Žilina–Teplička;

(b) il-prezzijiet imposti fit-terminal ta' Žilina–Teplička;

(c) jekk il-klijenti tat-terminals il-ġodda kinux qed jagħmlu użu mit-terminals eżistenti qabel u, jekk iva, stħarriġ dwar ir-raġuni(jiet) għaliex qalbu għal dawk ġodda.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul Brussell, is-17 ta' Lulju 2013.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Viċi President

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT